IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 18.11.2020
COM(2020) 740 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

Rapport dwar il-funzjonament tas-suq Ewropew tal-karbonju

Werrej

Lista ta' akronimi u abbrevjazzjonijiet 2

1. INTRODUZZJONI 4

2. INFRASTRUTTURA TAL-EU ETS 6

2.2 Ir-Reġistru tal-Unjoni u r-Reġistru tat-Tranżazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea (EUTL) 8

3. FUNZJONAMENT TAS-SUQ TAL-KARBONJU FL-2019 9

3.1. Provvista: kwoti mqiegħda fiċ-ċirkolazzjoni 10

3.1.1. Limitu massimu 10

3.1.2. Kwoti maħruġa 13

3.1.2.1.Allokazzjoni bla ħlas 13

3.1.2.2. Irkantar ta' kwoti 15

3.1.2.3. Deroga minn irkantar sħiħ għall-produzzjoni tal-elettriku u s-sħana 18

3.1.2.4. Il-programm NER 300 21

3.1.2.5. Il-Fond għall-Innovazzjoni 22

3.1.2.6. Il-Fond għall-Modernizzazzjoni 23

3.1.2.7. Kumpens għall-ispejjeż indiretti tal-karbonju 24

3.1.3. Krediti internazzjonali 26

3.2. Domanda: kwoti li nħarġu miċ-ċirkolazzjoni 27

3.3. Ibbilanċjar tal-provvista u tad-domanda 28

4. AVJAZZJONI 31

5. SORVELJANZA TAS-SUQ 34

6. MONITORAĠĠ, RAPPORTAR U VERIFIKA TAL-EMISSJONIJIET 36

7. ĦARSA ĠENERALI LEJN L-ARRANĠAMENTI AMMINISTRATTIVI 38

8. KONFORMITÀ U INFURZAR 39

9. KONKLUŻJONIJIET U ASPETTATTIVI 41

ANNESS 43

Lista ta’ akronimi u abbrevjazzjonijiet

AVR	Regolament dwar l-Akkreditazzjoni u l-Verifika
CA	Awtorità Kompetenti
CCS	Ġbir u Ħżin tal-Karbonju
CCU	Ġbir u Użu tal-Karbonju
CDM	Mekkaniżmu għal Żvilupp Nadif
CERs	Tnaqqis Iċċertifikat ta’ Emissjonijiet
CORSIA	Skema ta’ Kumpens u Tnaqqis tal-Karbonju għall-Avjazzjoni Internazzjonali
CSCF	Fattur ta’ Korrezzjoni Trażversali
EA	Kooperazzjoni Ewropea għall-Akkreditazzjoni
ŻEE	Żona Ekonomika Ewropea
EEX	European Energy Exchange
BEI	Bank Ewropew tal-Investiment
ERUs	Unitajiet ta’ Tnaqqis tal-Emissjonijiet
ESMA	Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq
EU ETS	Skema tal-Unjoni Ewropea għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet
EUTL	Reġistru tat-Tranżazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
GHG	Gass serra
ICAO	Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali
ICE	InterContinental Exchange Futures Europe
Proġetti ta’ Dimostrazzjoni fil-Qasam tal-Enerġija	InnovFin EDP
JI	Implimentazzjoni Konġunta
MAR	Regolament dwar l-Abbuż tas-Suq
MiFID2	Direttiva dwar is-Swieq tal-Istrumenti Finanzjarji
MiFIR	Regolament dwar is-Swieq tal-Istrumenti Finanzjarji
MRR	Regolament dwar il-Monitoraġġ u r-Rapportar
MRVA	Monitoraġġ, Rapportar, Verifika u Akkreditazzjoni
MSR	Riżerva tal-Istabbiltà tas-Suq
NAB	Korp Nazzjonali ta’ Akkreditament
NER	Riżerva għal Min Jidħol Ġdid
OTC	Barra l-Borża

PFCs	Perfluworokarburi
RES	Sorsi ta’ Enerġija Rinnovabbli
SARPs	Standards u Prattiki Rakkomandati tal-CORSIA
TNAC	In-Numru Totali ta’ Kwoti fiċ-Ċirkolazzjoni

1. INTRODUZZJONI

Mill-2005, l-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (EU ETS) kienet ċentrali għall-istrateġija tal-UE għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra (GHG) mill-industrija u l-produzzjoni tal-elettriku u s-sħana. Din tikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-ilħuq tal-mira tal-UE li sal-2020, l-emissjonijiet GHG jitnaqqsu b'20 % mil-livelli tal-1990, mira li l-UE tinsab fit-triq it-tajba biex taqbiżha.

Dan ir-Rapport dwar il-funzjonament tas-suq Ewropew tal-karbonju huwa ppreżentat f'konformità mar-rekwiżiti tal-Artikoli 10(5) u 21(2) tad-Direttiva 2003/87/KE[1] (id-Direttiva dwar l-EU ETS). L-objettiv tar-rapport huwa li jipprovdi daqqa t'għajn lejn l-iżviluppi fis-suq Ewropew tal-karbonju fuq bażi annwali. Ir-rapport ikopri s-sena 2019, iżda jippreżenta wkoll l-iżviluppi fl-ewwel nofs tas-sena 2020.

B'ħarsa lejn id-deċennju li jmiss, il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Pjan dwar il-Mira Klimatika għall-2030[2] ipproponiet li żżid il-mira tal-UE għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-2030 minn 40 % għal mill-inqas 55 % meta mqabbel mal-livelli tal-1990. Biex twettaq din l-ambizzjoni ogħla, il-Kummissjoni, sa Ġunju 2021, se tirrieżamina u tipproponi li tirrevedi fejn meħtieġ, il-politika rilevanti kollha relatata mal-klima. Bħala parti mill-pakkett usa' ta' leġiżlazzjoni taħt il-Patt Ekoloġiku Ewropew[3], l-EU ETS se tiġi riveduta wkoll, inkluża l-possibbiltà ta' estensjoni tas-sistema għal setturi ġodda.

Wara r-reviżjoni tad-Direttiva dwar l-ETS[4], ix-xogħol fuq l-implimentazzjoni għall-fażi 4[5] ġie attivat u qed jagħmel progress mgħaġġel. Matul is-sena li għaddiet, ġiet adottata leġiżlazzjoni ta' implimentazzjoni dwar l-aġġustament tal-allokazzjoni mingħajr ħlas abbażi ta' bidliet fil-livell tal-attività[6] u dwar it-tħaddim tal-Fond għall-Modernizzazzjoni[7], u tlestiet

[1] Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE, ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32.

[2] COM(2020) 562 final– Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsil, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni - It-tisħiħ tal-ambizzjoni klimatika tal-Ewropa għall-2030 Ninvestu f'futur newtrali għall-klima għall-benefiċċju tal-popli tagħna – Il-Pjan dwar il-Mira Klimatika għall-2030

[3] COM(2019) 640 final – Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – Il-Patt Ekoloġiku Ewropew

[4] Id-Direttiva (UE) 2018/410 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2018 li temenda d-Direttiva 2003/87/KE biex jiżdiedu t-tnaqqis kosteffettiv tal-emissjonijiet u l-investimenti għal emissjonijiet baxxi ta' karbonju, u d-Deċiżjoni (UE) 2015/1814, ĠU L 76, 19.03.2018, p. 3

[5] L-EU ETS hija regolata f'fażijiet. Il-fażi 3 tkopri l-perjodu 2013-2020, filwaqt li l-fażi 4 tkopri l-perjodu 2021-2030.

[6] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1842 tal-31 ta' Ottubru 2019 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' arranġamenti ulterjuri għall-aġġustamenti għall-allokazzjoni bla ħlas tal-kwoti tal-emissjonijiet minħabba bidliet fil-livell tal-attività, ĠU L 282, 4.11.2019, p. 20

[7] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1001 tad-9 ta' Lulju 2020 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-operat tal-Fond għall-Modernizzazzjoni li jsostni investimenti għall-modernizzazzjoni tas-sistemi tal-enerġija u għat-titjib tal-effiċjenza enerġetika ta' ċerti Stati Membri, ĠU L 221, 10.7.2020, p. 107

it-tieni reviżjoni tar-Regolament dwar l-Irkantar[8] biex jiġu implimentati r-rekwiżiti tal-fażi 4 (ara l-Kapitoli 3.1.2.1, 3.1.2.2, u 3.1.2.6). Id-dispożizzjonijiet implimentattivi li jifdal bħalissa qed jiġu ffinalizzati, bil-għan li jiġu adottati qabel Jannar 2021.

Mill-pubblikazzjoni tal-aħħar rapport tas-suq tal-karbonju[9], l-indikatur tal-eċċess tar-Riżerva tal-Istabbiltà tas-Suq ġie ppubblikat għar-raba' darba, li juri li fl-2019, l-eċċess tal-kwoti naqas minn 1,65 biljun fl-2018 għal madwar 1,39 biljun kwota[10]. Abbażi tal-indikatur u l-leġiżlazzjoni riveduta tal-EU ETS, il-volumi tal-irkant fl-2020 se jitnaqqsu b'madwar 375 miljun kwota (kważi 35 %) (ara l-Kapitolu 3.3).

Fl-2019, kien hemm tnaqqis sinifikanti ta' emissjonijiet minn installazzjonijiet stazzjonarji ta' 9,1 % meta mqabbel mal-2018 (ara l-Kapitolu 3.2). It-tnaqqis kien prinċipalment xprunat mis-settur tal-enerġija, fejn l-emissjonijiet naqsu bi kważi 15 % minħabba li l-faħam ġie sostitwit mill-elettriku minn sorsi rinnovabbli u mill-produzzjoni tal-enerġija li taħdem bil-gass. B'dan l-aħħar tnaqqis, l-emissjonijiet globali minn installazzjonijiet stazzjonarji mill-bidu tal-fażi 3 tal-EU ETS naqsu bi kważi 20 %. Fis-settur tal-avjazzjoni, l-emissjonijiet komplew jiżdiedu, u dan juri żieda żgħira ta' 1 % meta mqabbla mal-2018 (ara l-Kapitolu 4).

Kien hemm ukoll żviluppi politiċi importanti relatati mal-ETS, bħad-dħul fis-seħħ tal-ftehim dwar ir-rabta tal-EU ETS mal-ETS tal-Iżvizzera fl-1 ta' Jannar 2020, u t-tneħħija tas-sospensjoni tal-irkantar tar-Renju Unit u l-proċessi ta' allokazzjoni bla ħlas wara d-dħul fis-seħħ tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE (ara l-Kapitolu 2.2).

Fl-aħħar nett, il-kriżi tal-COVID-19 wasslet għal tnaqqis sinifikanti fuq perjodu qasir fil-prezz tal-karbonju f'Marzu/April 2020. Minkejja dan, is-sinjal tal-prezz tal-karbonju baqa' stabbli, b'medja ta' madwar EUR 24[11] bejn Jannar 2019 u l-aħħar ta' Ġunju 2020. Id-dħul mill-irkant tal-kwoti tal-ETS qabeż EUR 14-il biljun fl-2019 biss, u EUR 7,9 biljun għall-ewwel sitt xhur tal-2020. Abbażi tad-*data* mressqa mill-Istati Membri, matul l-2019, total ta' 77 % ta' dan id-dħul intnefaq (jew kien ippjanat għall-infiq) fuq skopijiet speċifiċi relatati mal-klima u l-enerġija (ara l-Kapitolu 3.1.2.2).

Sakemm ma jkunx indikat mod ieħor, id-*data* użata għal dan ir-rapport kienet dik disponibbli pubblikament u għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni sa Ġunju 2020[12]. Informazzjoni ġenerali u deskrittiva dwar l-EU ETS hija inkluża fil-kaxex matul ir-rapport kollu.

[8] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/1868 tat-28 ta' Awwissu 2019 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1031/2010 sabiex jallinja l-irkantar ta' kwoti mar-regoli tal-EU ETS għall-perjodu mill-2021 sal-2030 u mal-klassifikazzjoni tal-kwoti bħala strumenti finanzjarji skont id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (Test b'rilevanza għaż-ŻEE), ĠU L 289, 8.11.2019, p. 9

[9] Ir-rapport tas-suq tal-karbonju tal-2019 jinsab hawnhekk: https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:52019DC0557R(01)

[10] C(2020) 2835 final, https://ec.europa.eu/clima/sites/clima/files/ets/reform/docs/c_2020_2835_en.pdf

[11] Sors: ICE

[12] Id-data limitu użata kienet it-30 ta' Ġunju 2020.

2. INFRASTRUTTURA TAL-EU ETS

2.1 Kopertura tal-attivitajiet, tal-installazzjonijiet u tal-operaturi tal-inġenji tal-ajru

L-EU ETS bħalissa topera fis-27 Stat Membru tal-UE, fl-Iżlanda, fil-Liechtenstein u fin-Norveġja, kif ukoll fir-Renju Unit sal-aħħar tal-2020. Mill-1 ta' Jannar 2020, l-EU ETS hija marbuta wkoll mas-suq tal-karbonju Żvizzeru (ara l-Kapitolu 2.2). Mill-2021, minbarra l-UE u l-pajjiżi taż-ŻEE/EFTA, l-EU ETS se tkopri l-installazzjonijiet li jiġġeneraw l-elettriku fl-Irlanda ta' Fuq. Din tirregola l-emissjonijiet minn kważi 11 000 impjant tal-enerġija u installazzjonijiet tal-manifattura kif ukoll madwar 600 operatur ta' inġenji tal-ajru li jtiru lejn/minn l-ajruporti taż-ŻEE. Din tkopri madwar 38 % tal-emissjonijiet GHG tal-UE.

Mill-Fażi 3 tal-EU ETS(2013-2020)*, is-setturi b'installazzjonijiet stazzjonarji regolati mill-EU ETS huma industriji intensivi fl-enerġija, inkluż impjanti tal-enerġija u impjanti oħrajn ta' kombustjoni, b'input nominali termiku ta' >20MW (ħlief installazzjonijiet ta' skart perikoluż jew muniċipali), raffineriji taż-żejt, fran tal-kokk, produzzjoni ta' ħadid u azzar, gagazza tas-siment, ħġieġ, ġir, brikks, ċeramika, polpa, karta u bord, aluminju, petrokimiċi, ammonijaka, aċidu nitriku, adipiku, gliossali u gliossiliku, qbid ta' CO_2, trasport f'pipelines u ħżin ġeoloġiku ta' CO_2.

Il-kamp ta' applikazzjoni tal-avjazzjoni tal-EU ETS kien limitat għal titjiriet fi ħdan iż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) fil-perjodu 2013-2016, biex jinżamm il-momentum fl-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO) għal ftehim internazzjonali għall-kontroll tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-avjazzjoni. Biex ikompli jiġi promoss il-momentum u tiġi ffaċilitata l-operazzjonalizzazzjoni tal-Iskema ta' Kumpens u Tnaqqis tal-Karbonju għall-Avjazzjoni Internazzjonali (CORSIA) u sabiex tiġi ffaċilitata l-operazzjonalizzazzjoni tal-iskema, fl-2017 il-limitazzjoni għat-titjiriet intra-ŻEE ġiet estiża sal-2023 (ara l-Kapitolu 4).

L-EU ETS tkopri emissjonijiet ta' diossidu tal-karbonju (CO_2), emissjonijiet ta' ossidu nitruż (N_2O) mill-produzzjoni ta' aċidu nitriku, adipiku, gliossali u gliossiliku u emissjonijiet ta' perfluworokarburi (PFC) mill-produzzjoni tal-aluminju. Għalkemm il-parteċipazzjoni fl-EU ETS hija obbligatorja, f'xi setturi jiġu inklużi biss installazzjonijiet akbar minn ċertu daqs. Barra minn hekk, il-pajjiżi parteċipanti jistgħu jeskludu installazzjonijiet żgħar (li jarmu inqas minn 25 000 tunnellata ta' CO_{2e}) mis-sistema jekk ikun hemm miżuri alternattivi u ekwivalenti fis-seħħ. Fil-fażi 4 (2021-2030), l-emittenti żgħar ħafna (b'emissjonijiet irrapportati ta' inqas minn 2 500 tunnellata ta' CO_{2e} fl-aħħar tliet snin) jistgħu jiġu eskluži mill-EU ETS soġġett għall-eżistenza ta' arranġamenti simplifikati ta' monitoraġġ biex jivvalutaw il-kwantità tal-emissjonijiet tagħhom. Il-pajjiżi parteċipanti jistgħu jżidu wkoll aktar setturi u GHGs fl-EU ETS (l-hekk imsejħa

Skont ir-rapporti tal-Artikolu 21 ippreżentati mill-pajjiżi parteċipanti[13] fl-2020, fl-2019 kien hemm total ta' 10 569 installazzjoni koperta mill-ETS, bil-permess tal-ETS meħtieġ.

L-emissjonijiet mill-bijomassa użata mill-installazzjonijiet tal-ETS żdiedu b'4 % fl-2019 meta mqabbla mas-sena ta' qabel, filwaqt li l-emissjonijiet mill-faħam naqsu bi 19 %, u dan ikkontribwixxa għat-tnaqqis sinifikanti ta' 15 % fl-emissjonijiet mis-settur tal-enerġija. Fir-rigward tal-karburanti biss, u kif kien il-każ fis-snin preċedenti, il-karburanti maħruqa fl-EU ETS fl-2019 baqgħu fil-maġġor parti assoluta fossili. Madankollu, 29 pajjiż irrapportaw ukoll użu tal-bijomassa b'rabta mal-2 197 installazzjoni (20,8 % tal-installazzjonijiet kollha). Il-Litwanja rrappurtat l-ogħla perċentwal ta' emissjonijiet mill-bijomassa meta mqabbla mal-emissjonijiet koperti mill-EU ETS għal kull pajjiż: 68 % Żewġ pajjiżi (LI u MT) ma rrapportaw l-ebda użu tal-bijomassa. Fl-2019, l-emissjonijiet totali mill-bijomassa ammontaw għal madwar 170 miljun tunnellata ta' CO_2 (11 % tal-emissjonijiet irrapportati tal-ETS), żieda ċara mill-145 miljun tunnellata ta' CO_2 fl-2018 (8 % tal-emissjonijiet irrapportati tal-ETS). Minn dawn, 99,2 % ġew ikklassifikati b'rata żero[14]. Fl-2019, għall-ewwel darba ġie rrappurtat li jintuża ammont żgħir ta' bijofjuwil. Żewġ operaturi tal-inġenji tal-ajru (wieħed fil-DE u wieħed fl-SE) irrapportaw li jkopru 0,01 % tal-emissjonijiet tal-avjazzjoni tal-ETS tal-2019.

Fil-kategoriji ta' installazzjoni bbażati fuq l-emissjonijiet annwali[15], id-*data* għall-2019 turi li, bħal fis-snin preċedenti, 72 % tal-installazzjonijiet huma tal-kategorija A, 21 % huma tal-kategorija B u 7 % huma tal-kategorija C. 6 053 installazzjoni ġew irrapportati bħala "installazzjonijiet b'emissjonijiet baxxi"[16] (57 % tat-total).

Rigward l-attivitajiet tal-EU ETS elenkati b'mod addizzjonali għal emissjonijiet mhux tas-CO_2, hemm rapporti ta' permessi maħruġa fi 13-il pajjiż għall-aluminju primarju u għall-perfluworokarburi (PFCs) (DE, FR, EL, ES, IS, IT, NL, NO, RO, SE, SI, SK u UK), filwaqt li għall-produzzjoni ta' aċidu nitriku u N_2O hemm rapporti ta' permessi maħruġa f'21 pajjiż (bl-eċċezzjonijiet li huma CY, DK, EE, IE, IS, LI, LU, LV, MT, u SI). Is-setturi l-oħrajn tal-N_2O – il-produzzjoni ta' aċidu adipiku u l-produzzjoni ta' aċidu gliossali u gliossiliku huma rrapportati fi tliet pajjiżi (DE, FR u IT) u f'żewġ pajjiżi (DE u FR), rispettivament. In-Norveġja u l-Awstrija biss iddikjaraw attivitajiet għall-qbid u għall-ħżin tas-CO_2.

[13] "Ir-rapporti tal-Artikolu 21" jirreferu għal rapporti ppreżentati mill-Istati Membri bbażati fuq ir-rekwiżiti fl-Artikolu 21 tad-Direttiva tal-ETS, f'dan il-kuntest, "pajjiżi parteċipanti" jew sempliċement "pajjiżi" jinkludu s-27 Stat Membru tal-UE, ir-Renju Unit, u l-pajjiżi taż-ŻEE (l-Iżlanda, in-Norveġja u l-Liechtenstein).

[14] Fl-EU ETS, il-fattur ta' emissjoni tal-bijomassa huwa stabbilit għal żero jekk tiġi ssodisfata d-definizzjoni tat-terminu "bijomassa" u fejn – fir-rigward tal-bijokarburanti jew il-bijolikwidi – jiġu ssodisfati l-kriterji ta' sostenibbiltà skont l-Artikolu 17(1) tad-Direttiva 2009/28/KE (id-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli). L-ebda kwota ma trid tiġi restitwita għall-emissjonijiet bi klassifikazzjoni żero. Fis-sottomissjonijiet tal-Artikolu 21 tal-2020, żewġ pajjiżi parteċipanti (LV u DK) irrapportaw biss il-kontenut enerġetiku tal-bijomassa bi klassifikazzjoni żero, u mhux l-emissjonijiet proprji. Għalhekk, l-emissjonijiet tagħhom ma jitqisux fit-total ipprovdut.

[15] L-installazzjonijiet tal-kategorija C jarmu aktar minn 500 000 tunnellata ta' CO_2e fis-sena, l-installazzjonijiet tal-kategorija B jarmu bejn 500 000 u 50 000 tunnellata ta' CO_2e fis-sena, u l-installazzjonijiet tal-kategorija A jarmu inqas minn 50 000 tunnellata ta' CO_2e fis-sena. Ara r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 601/2012 tal-21 ta' Ġunju 2012 dwar il-monitoraġġ u r-rapportar ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ĠU L 181, 12.7.2012, p. 30

[16] L-installazzjonijiet b'emissjonijiet baxxi huma subsett fi ħdan l-installazzjonijiet tal-kategorija A, li jarmu anqas minn 25 000 tunnellata ta' CO_2e fis-sena (ara l-Artikolu 47(2) tar-Regolament (UE) Nru 601/2012).

Bħal fis-sena ta' qabel, seba' pajjiżi (ES, FR, HR, IS, IT, SI u UK) użaw il-possibbiltà li jeskludu l-emittenti żgħar mill-EU ETS f'konformità mal-Artikolu 27 tad-Direttiva dwar l-EU ETS. L-emissjonijiet esklużi għall-2019 ammontaw għal 3,81 miljun tunnellata ta' CO_2 (madwar 0,25 % tal-emissjonijiet totali tal-EU ETS stazzjonarji, meta mqabbla ma' 0,17 % is-sena ta' qabel).

Skont is-sottomissjonijiet tal-Artikolu 21 fl-2020, bħal fis-snin preċedenti, s'issa tmien pajjiżi (BE, DK, FR, HR, HU, LI, LT u NL) ħadu vantaġġ mid-dispożizzjoni offruta mill-Artikolu 13 tar-Regolament dwar il-Monitoraġġ u r-Rapportar (MRR)[17] li jawtorizzaw l-użu ta' pjanijiet simplifikati ta' monitoraġġ f'każijiet ta' riskju baxx għal installazzjonijiet stazzjonarji. Fil-każ tal-operaturi ta' inġenji tal-ajru b'emissjonijiet baxxi, żewġ pajjiżi rrapportaw l-użu ta' din id-dispożizzjoni għall-2019 (BE u IS).

Fl-2019, 611-il operatur tal-inġenji tal-ajru ġew irrappurtati li għandhom pjan ta' monitoraġġ (7 % inqas mill-2018). 50 % (308) tal-operaturi rrapportati kienu kummerċjali, filwaqt li l-50 % l-oħra (303) ma kinux kummerċjali.[18] Total ta' 262 (43 %) ikkwalifikaw bħala emittenti żgħar (meta mqabbla ma' 287 (44 %) fl-2018).

2.2 Ir-Reġistru tal-Unjoni u r-Reġistru tat-Tranżazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea (EUTL)

Ir-Reġistru tal-Unjoni u r-Reġistru tat-Tranżazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea (EUTL) jintraċċaw is-sidien tal-kwoti ġenerali u dawk tal-avjazzjoni u t-tranżazzjonijiet billi jirreġistraw l-ammonti miżmuma fil-kontijiet u t-tranżazzjonijiet bejn il-kontijiet. Barra minn hekk, dawn is-sistemi jirreġistraw l-emissjonijiet ta' installazzjonijiet stazzjonarji u ta' operaturi ta' inġenji tal-ajru, u l-konformità mal-obbligi li jirriżultaw minn dawn l-emissjonijiet. Iż-żewġ sistemi jitħaddmu u jinżammu mill-Kummissjoni, filwaqt li l-amministraturi tar-reġistru nazzjonali fil-pajjiżi parteċipanti jibqgħu jkunu l-punt ta' kuntatt għad-detenturi u r-rappreżentanti tal-kontijiet (kumpaniji jew persuni fiżiċi). Filwaqt li r-Reġistru tal-Unjoni jżomm kontijiet u jirreġistra informazzjoni dwar il-konformità, l-EUTL jivverifika, jirreġistra u jawtorizza awtomatikament it-tranżazzjonijiet kollha bejn il-kontijiet, u b'hekk jiżgura li t-trasferimenti kollha jikkonformaw mar-regoli tal-EU ETS.

Id-*data* rreġistrata fir-Reġistru tal-Unjoni u l-EUTL hija sors importanti ta' informazzjoni għal diversi tipi ta' rapportar dwar l-ETS, bħall-kalkolu tal-indikatur tal-eċċess tar-Riżerva tal-Istabbiltà tas-Suq (ara l-Kapitolu 3.3) u r-rapportar magħmul mill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA). L-EUTL jipprovdi wkoll trasparenza fl-EU ETS, bil-pubblikazzjoni* ta' informazzjoni dwar il-konformità tal-installazzjonijiet stazzjonarji u tal-operaturi tal-inġenji tal-ajru mad-dispożizzjonijiet tal-ETS u dwar it-tranżazzjonijiet

[17] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 601/2012 tal-21 ta' Ġunju 2012 dwar il-monitoraġġ u r-rapportar ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ĠU L 181, 12.7.2012, p. 30.

[18] Eżempju ta' operatur ta' inġenju tal-ajru kummerċjali huwa linja tal-ajru tal-passiġġieri li tipprovdi servizzi lill-pubbliku ġenerali. Eżempju ta' operatur ta' inġenju tal-ajru mhux kummerċjali huwa inġenju tal-ajru privat.

Ir-Reġistru tal-Unjoni, l-EUTL, u s-sit pubbliku tal-EUTL, kienu kompletament operazzjonali għal 365 ġurnata erbgħa u għoxrin siegħa kuljum matul l-2019, b'interruzzjonijiet żgħar biss li jammontaw għal total ta' madwar 7 sigħat minħabba titjib tekniku.

Mill-1 ta' Jannar 2019, il-Kummissjoni ssospendiet[19] il-proċessi kollha għar-Renju Unit relatati mal-allokazzjoni mingħajr ħlas, l-irkantar u l-iskambju ta' krediti internazzjonali, skont il-miżuri ta' salvagwardja[20] biex titħares l-integrità ambjentali tal-EU ETS f'każijiet fejn il-liġi tal-UE ma tibqax tapplika għal Stat Membru li jirtira mill-UE. Din is-sospensjoni tneħħiet awtomatikament fl-1 ta' Frar 2020, meta daħal fis-seħħ il-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit[21] mill-UE u żgura li l-installazzjonijiet tar-Renju Unit u l-operaturi tal-inġenji tal-ajru jsegwu l-obbligi ta' konformità tagħhom li jirriżultaw mill-emissjonijiet tal-2019 u l-2020.

Il-ftehim dwar ir-rabta bejn l-EU ETS u l-ETS tal-Iżvizzera[22] daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2020. Biex iħaddmu r -rabta bejn is-sistemi ta' skambju tal-kwoti tal-emissjonijiet, il-partijiet qablu li jistabbilixxu soluzzjoni provviżorja[23] għall-kollegament taż-żewġ reġistri u li tippermetti t-trasferiment tal-kwoti bejniethom. Is-soluzzjoni provviżorja bdiet topera fil-21 ta' Settembru 2020.

F'Marzu 2019, ġie adottat ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/1122[24] li jistabbilixxi r-regoli għall-funzjonament tar-Reġistru tal-Unjoni fil-perjodu 2021-2030. L-implimentazzjoni teknika tar-regoli l-ġodda introdotti mir-Regolament għadha għaddejja u l-funzjonalitajiet il-ġodda se jkunu disponibbli fir-Reġistru tal-Unjoni mill-1 ta' Jannar 2021.

3. FUNZJONAMENT TAS-SUQ TAL-KARBONJU FL-2019

Dan il-kapitolu jipprovdi informazzjoni dwar l-aspetti relatati mal-provvista u d-domanda tal-kwoti tal-EU ETS. It-taqsima tan-naħa tal-provvista tinkludi informazzjoni dwar il-limitu massimu, l-allokazzjoni mingħajr ħlas, l-irkant, id-deroga mill-irkant sħiħ għall-produzzjoni tal-elettriku u tas-sħana (l-Artikolu 10c), il-programm NER300 u l-preparazzjonijiet għall-Fondi għall-Innovazzjoni u l-Modernizzazzjoni, kapitolu dwar skemi ta' kumpens tal-ispejjeż indiretti tal-karbonju, u l-użu ta' krediti internazzjonali.

Min-naħa tad-domanda, tingħata informazzjoni dwar il-kwantità ta' emissjonijiet verifikati. Imbagħad jiġi ppreżentat l-ibbilanċjar tal-elementi differenti tal-provvista u d-domanda tal-kwoti fis-suq tal-karbonju permezz tar-riżerva tal-istabbiltà tas-suq (MSR).

[19] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2018) 8707 tas-17.12.2018 dwar istruzzjonijiet lill-amministratur ċentrali biex jissospendi temporanjament l-aċċettazzjoni mir-Reġistru tat-Tranżazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea tal-proċessi rilevanti għar-Renju Unit relatati mal-allokazzjoni mingħajr ħlas, l-irkant u l-iskambju ta' krediti internazzjonali

[20] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 2018/208 tat-12 ta' Frar 2018 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 389/2013 li jistabbilixxi Reġistru tal-Unjoni, ĠU L 39, 13.02.2018, p. 3.

[21] Il-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (2019/C 384 I/01), ĠU C 384I, 12.11.2019, p. 1.

[22] Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kollegament tal-iskemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħhom, ĠU L 322, 7.12.2017, p. 3

[23] https://ec.europa.eu/clima/sites/clima/files/ets/markets/docs/decision_201902_swiss_ets_linking.pdf

[24] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/1122 tat-12 ta' Marzu 2019 li jissupplimenta d-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-funzjonament tar-Reġistru tal-Unjoni, ĠU L 177, 2.7.2019, p. 3.

3.1. Provvista: kwoti mqiegħda fiċ-ċirkolazzjoni

3.1.1. Limitu massimu

Il-limitu massimu huwa l-kwantità assoluta ta' GHGs li jistgħu jiġu emessi mill-entitajiet koperti biex jiżguraw li tintlaħaq il-mira ta' tnaqqis ta' emissjonijiet u li dan jikkorrispondi man-numru ta' kwoti mqiegħda fiċ-ċirkolazzjoni tul perjodu ta' negozjar. Japplika limitu komuni madwar l-UE kollha għall-EU ETS kollha.

Il-limitu massimu tal-2013 għall-emissjonijiet mill-installazzjonijiet stazzjonarji kien stabbilit għal 2 084 301 856 kwota. Dan il-limitu massimu jonqos kull sena b'fattur lineari ta' tnaqqis ta' 1,74 % tal-kwantità totali medja ta' kwoti maħruġa kull sena fl-2008-2012, u b'hekk jiżgura li n-numru ta' kwoti li jistgħu jintużaw mill-installazzjonijiet stazzjonarji se jkun 21 % inqas fl-2020 minn dak fl-2005.

Il-limitu massimu tas-settur tal-avjazzjoni ġie stabbilit oriġinarjament għal 210 349 264 kwota tal-avjazzjoni fis-sena, li huwa 5 % inqas mil-livell medju annwali ta' emissjonijiet tal-avjazzjoni fl-2004-2006. Fl-1 ta' Jannar 2014, dan żdied b'116 524 kwota tal-avjazzjoni biex jakkomoda s-sħubija tal-Kroazja fl-EU ETS. Dan il-limitu massimu kien maħsub biex jirrifletti l-leġiżlazzjoni tal-2008* li kienet tinkludi t-titjiriet kollha minn, lejn u fi ħdan iż-ŻEE fl-EU ETS. Madankollu, il-kamp ta' applikazzjoni tal-EU ETS kien temporanjament limitat għat-titjiriet fi ħdan iż-ŻEE bejn l-2013 u l-2016 biex jappoġġa l-iżvilupp ta' miżura globali mill-ICAO biex jiġu stabbilizzati l-emissjonijiet mill-avjazzjoni internazzjonali fil-livelli tal-2020. Għalhekk, in-numru ta' kwoti tal-avjazzjoni mqiegħda fiċ-ċirkolazzjoni fl-2013-2016 kien ferm inqas mil-limitu massimu oriġinali. Fl-2017, biex jiġi appoġġat l-iżvilupp tal-miżura globali tal-ICAO, il-limitazzjoni għat-titjiriet fiż-ŻEE ġiet imtawla sal-2023 (ara l-Kapitolu 4).

Fil-fażi 4 tal-EU ETS (2021–2030), il-limitu massimu kemm għall-installazzjonijiet stazzjonarji kif ukoll għall-avjazzjoni se jonqos b'fattur ta' tnaqqis lineari ta' 2,2 %.

* Id-Direttiva 2008/101/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008, li temenda d-Direttiva 2003/87/KE sabiex tinkludi l-attivitajiet tal-avjazzjoni fl-iskema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet ta'

It-Tabella 1 turi ċ-ċifri għal-limitu massimu għall-installazzjonijiet stazzjonarji u n-numru ta' kwoti tal-avjazzjoni mqiegħda kull sena fiċ-ċirkolazzjoni[25] għal kull sena matul il-Fażi 3 tal-EU ETS.

[25] In-numru ta' kwoti tal-avjazzjoni mqiegħda fiċ-ċirkolazzjoni sa mill-2013 huwa r-riżultat ta' approċċ minn isfel għal fuq li jibda minn allokazzjoni bla ħlas (iddeterminat fuq il-bażi ta' parametri referenzjarji bbażati fuq l-attivitajiet għall-attività tal-operaturi fi ħdan iż-ŻEE). In-numru ta' kwoti rkantati mbagħad jinkiseb abbażi tal-fatt li l-allokazzjoni bla ħlas (inkluża riżerva speċjali għal distribuzzjoni aktar tard għal operaturi ta' inġenji tal-ajru li qed jikbru malajr u għal min jidħol ġdid) jenħtieġ li tkun 85 % tat-total u l-irkantar jenħtieġ li jkun 15 %.

Tabella 1: Limitu massimu tal-EU ETS 2013-2020


Sena	Limitu massimu annwali (installazzjonijiet)	Kwoti tal-avjazzjoni annwali mqiegħda fiċ-ċirkolazzjoni[26]
2013	2 084 301 856	32 455 296
2014	2 046 037 610	41 866 834
2015	2 007 773 364	50 669 024
2016	1 969 509 118	38 879 316
2017	1 931 244 873	38 711 651
2018	1 892 980 627	38 909 585
2019	1 854 716 381	38 946 562
2020	1 816 452 135	

Fl-1 ta' Frar 2020 daħal fis-seħħ il-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea[27]. Id-Direttiva tal-ETS tapplika għar-Renju Unit sal-aħħar tal-31 ta' Diċembru 2020, u skont il-Protokoll tal-Irlanda u l-Irlanda ta' Fuq[28], il-ġenerazzjoni tal-elettriku li tinsab fl-Irlanda ta' Fuq (NI) tibqa' fl-EU ETS bid-drittijiet u l-obbligi rilevanti.

Il-Kummissjoni qieset dawn l-iżviluppi billi fis-16 ta' Novembru 2020 adottat Deċiżjoni tal-Kummissjoni[29]dwar il-kwantità aġġustata ta' kwoti għall-Unjoni kollha. L-illustrazzjoni 1 tiġbor fil-qosor it-tnaqqis tal-limitu massimu wara ż-żieda tal-fattur ta' tnaqqis lineari għal 2,2 % mill-2021, filwaqt li tara wkoll ir-rwol tal-alimentazzjoni tar-Riżerva tal-Istabbiltà tas-Suq (MSR) u l-kontribuzzjonijiet ta' garanzija b'lura lill-MSR (ara wkoll il-Kapitolu 3.3).

[26] Iċ-ċifri aġġornati jinkludu skambji ta' krediti internazzjonali minbarra l-allokazzjoni bla ħlas u l-ammonti rkantati.
[27] https://ec.europa.eu/info/european-union-and-united-kingdom-forging-new-partnership/eu-uk-withdrawal-agreement_mt
[28] https://ec.europa.eu/info/european-union-and-united-kingdom-forging-new-partnership/eu-uk-withdrawal-agreement/protocol-ireland-and-northern-ireland_mt
[29] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C/2020/7704

Illustrazzjoni 1: Tnaqqis tal-limitu massimu b'żieda tal-Fattur ta' Tnaqqis Lineari għal 2,2 % mill-2021[30]



[30] Il-limitu massimu għall-2021 sal-2030 jirrifletti l-pubblikazzjoni wara l-BREXIT tal-volum totali tal-kwoti tal-EU ETS permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C/2020/7704. L-impatt fuq il-leġiżlazzjoni tal-ETS tal-miri miżjuda għat-tnaqqis tal-emissjonijiet sal-2030 proposti mill-Kummissjoni fis-17 ta' Settembru 2020 fil-Pjan dwar il-Mira Klimatika se jiġi vvalutat fl-eżerċizzju li ġej ta' rieżami tal-leġiżlazzjoni dwar il-klima.

3.1.2. Kwoti maħruġa

3.1.2.1.Allokazzjoni bla ħlas

Għalkemm fil-fażi 3 tal-EU ETS, l-irkant huwa l-metodu ta' allokazzjoni prestabbilit, ammont sinifikanti ta' kwoti kien allokat bla ħlas lill-installazzjonijiet industrijali biex jindirizzaw ir-riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju (sitwazzjoni fejn il-kumpaniji jittrasferixxu produzzjoni lil pajjiżi terzi b'restrizzjonijiet inqas stretti fuq l-emissjonijiet GHG, li tista' twassal għal żieda fl-emissjonijiet totali tagħhom). Japplikaw il-prinċipji li ġejjin:

- Il-produzzjoni tal-elettriku mhijiex eliġibbli għal kwoti bla ħlas;
- Il-kwoti bla ħlas lill-industrija tal-manifattura jitqassmu skont regoli armonizzati fl-UE kollha;
- L-allokazzjoni bla ħlas hija bbażata fuq parametri referenzjarji tal-prestazzjoni għat-tisħiħ tal-inċentivi għat-tnaqqis ta' emissjonijiet GHG u għall-innovazzjoni u għall-ippremjar tal-installazzjonijiet l-aktar effiċjenti;
- Ġiet stabbilita riżerva għal Min Jidħol Ġdid (NER) fl-UE kollha għall-installazzjonijiet industrijali ġodda u għall-installazzjonijiet li jżidu l-kapaċità b'mod sinifikanti, ekwivalenti għal 5 % tal-ammont totali tal-kwoti għall-fażi 3.

Is-setturi u s-subsetturi meqjusin bħala esposti għal riskju sinifikanti ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju huma mqiegħda f'lista ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju*. Filwaqt li oriġinarjament il-lista kienet tkopri l-perjodu 2015-2019, id-Direttiva riveduta dwar l-EU ETS estendiet il-validità tagħha sal-31 ta' Diċembru 2020.

Fil-fażi 3, peress li d-domanda għal allokazzjoni bla ħlas qabżet l-ammont disponibbli, l-allokazzjoni għall-installazzjonijiet kollha skont l-EU ETS tnaqqset bl-istess perċentwal permezz tal-applikazzjoni ta' "fattur ta' korrezzjoni trasversali (CSCF)"**. Fl-2017, il-valuri oriġinali ta' CSFC ġew riveduti.***

* Il-lista ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju attwali tista' tinstab hawnhekk: http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/ALL/?uri=CELEX:32014D0746

Matul il-fażi 3, madwar 43 % tal-kwantità totali tal-kwoti disponibbli se jiġu allokati bla ħlas, filwaqt li s-sehem ta' kwoti li għandhom jiġu rkantati mill-Istati Membri jammonta għal madwar 57 %.

Ir-Riżerva għal Min Jidħol Ġdid (NER) inizjali, wara li tnaqqsu 300 miljun kwota għall-programm NER300, kellha 480,2 miljun kwota. Sa Ġunju 2020, 171,1 miljun kwota ġew riżervati għal 1089 installazzjoni għall-fażi 3 kollha. L-NER li jibqa' jammonta għal 309,1 miljun kwota. Filwaqt li huwa mistenni li se jkun hemm bidliet fl-allokazzjoni sal-aħħar tal-fażi 3, għadd sinifikanti ta' dawn il-kwoti se jibqgħu mhux allokati. Fl-aħħar tal-

fażi 3, il-kwoti mhux allokati mill-NER tal-fażi 3 se jitqiegħdu fir-Riżerva tal-Istabbiltà tas-Suq (MSR), li minnhom 200 miljun kwota se jitqiegħdu fl-NER għall-fażi 4.

Sal-aħħar ta' Ġunju 2020, l-allokazzjoni b'xejn approvata oriġinarjament sal-aħħar tal-fażi 3 tnaqqset b'madwar 570 miljun kwota minħabba installazzjonijiet li għalqu jew naqqsu l-produzzjoni jew il-kapaċità tal-produzzjoni tagħhom.

Tabella 2 In-numru ta' kwoti (f'miljuni) allokati għall-industrija bla ħlas mill-2013 sa Ġunju tal-2020[31]

	2013	**2014**	**2015**	**2016**	**2017**	**2018**	**2019**	**2020**
Allokazzjoni bla ħlas[32] **(EU27+UK+Stati taż-ŻEE EFTA)**	903,0	874,8	847,6	821,3	796,2	771,9	748,1[33]	724,8
Allokazzjoni mir-riżerva għal min jidħol ġdid (investimenti f'pajjiżi ġodda u żidiet fil-kapaċità)	11,7	15,2	18,9	22,7	24,4	26,0	26,5	25,4
Kwoti bla ħlas li jifdal mhux allokati minħabba għeluq jew bidliet fil-produzzjoni jew fil-kapaċità tal-produzzjoni	40,6	59,5	73,1	70,5	79,1	83,4	79,8	84,6

Biex jiġi evitat ir-riskju tar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju, l-allokazzjoni bla ħlas se tkompli wara l-2020, ibbażata fuq valuri referenzjarji derivati b'referenza għall-prestazzjoni ta' 10 % tal-installazzjonijiet l-aktar effiċjenti fl-UE. Fi Frar 2019, il-Kummissjoni adottat il-lista tar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju għall-2021 sal-2030[34], li se tkun valida għal dak il-perjodu kollu. Din il-lista tispeċifika liema setturi industrijali jibbenefikaw minn sehem ikbar ta' allokazzjoni bla ħlas.

Sabiex jiġi rifless il-progress fit-teknoloġija u l-innovazzjoni, il-valuri ta' referenza se jiġu aġġornati għall-2021 sal-2025 u għall-2026 sal-2030, abbażi tad-*data* reali. L-att delegat

[31] Filwaqt li ċ-ċifri fis-snin preċedenti kienu bbażati fuq notifiki mill-Istati Membri sal-aħħar ta' Ġunju tas-sena rispettiva, fir-rapport ta' din is-sena huma bbażati fuq ir-Reġistru tal-Unjoni b'data limitu tat-30 ta' Ġunju 2020. Dan l-approċċ il-ġdid intgħażel sabiex jirrifletti b'mod aktar preċiż l-allokazzjonijiet kif iseħħu u jiġu rreġistrati fir-Reġistru tal-Unjoni.
[32] Ammont inizjali, qabel l-applikazzjoni tat-tnaqqis imsemmi hawn taħt.
[33] L-allokazzjoni għar-Renju Unit (48,0 miljun kwota tat-total għall-2019) li ġiet sospiża fl-2019 minħabba l-miżuri ta' salvagwardja biex tiġi protetta l-integrità ambjentali tal-EU ETS reġgħet bdiet fl-2020.
[34] Id-Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2019/708, https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=OJ:L:2019:120:FULL&from=MT

dwar ir-reviżjoni tar-regoli dwar l-allokazzjoni mingħajr ħlas għall-2021 sal-2030 ġie adottat f'Diċembru 2018[35]. Huwa mistenni li r-Regolament ta' implimentazzjoni dwar il-valuri ta' referenza riveduti li għandhom jiġu applikati fil-perjodu 2021 sal-2025 se jiġi adottat sal-aħħar tal-2020 (ara l-Appendiċi 6 tal-Anness).

Fil-fażi 4, l-allokazzjonijiet għal installazzjonijiet individwali jistgħu jiġu aġġustati kull sena biex jirriflettu żidiet u tnaqqis sinifikanti fil-produzzjoni. Biex jiġu evitati l-manipulazzjoni u l-abbuż tas-sistema ta' aġġustament tal-allokazzjoni u biex jiġi evitat kull piż amministrattiv żejjed, il-Kummissjoni adottat att ta' implimentazzjoni biex tiddefinixxi arranġamenti ulterjuri għall-aġġustamenti f'Ottubru 2019[36] (ara l-Appendiċi 6 tal-Anness).

3.1.2.2. Irkantar ta' kwoti

L-irkantar hu l-mod prestabbilit għall-allokazzjoni tal-kwoti. L-irkantijiet primarji huma rregolati mir-Regolament dwar l-Irkantar* li jispeċifika l-għażla taż-żmien, l-amministrazzjoni u aspetti oħrajn ta' kif jenħtieġ li jsiru l-irkantijiet sabiex jiġi żgurat proċess miftuħ, trasparenti, armonizzat u mhux diskriminatorju.

* Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1031/2010 tat-12 ta' Novembru 2010 dwar l-għażla taż-żmien, l-amministrazzjoni u aspetti oħra ta' rkantar ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità, ĠU L 302, 18.11.2010, p. 1.

L-irkantijiet tal-2019 saru permezz tal-pjattaforma tal-irkantijiet·EEX, li pprovdiet irkantijiet bħala l-pjattaforma komuni tal-irkantijiet għall-25 Stat Membru li ħadu sehem fi proċedura konġunta ta' akkwist, u għall-Polonja, li ma ħaditx sehem fil-proċedura konġunta ta' akkwist iżda ma ħatritx pjattaforma separata tal-irkant, u għall-Ġermanja li ma ħaditx sehem, bħala pjattaforma tal-irkantijiet.

L-EEX bdiet l-irkantar għall-Iżlanda, għal-Liechtenstein u għan-Norveġja f'Ġunju 2019, wara li l-Ftehim taż-ŻEE ġie emendat biex jippermettilhom jipparteċipaw fil-Ftehim Konġunt tal-Akkwist għall-pjattaforma komuni tal-irkantijiet. Bi qbil mat-tliet pajjiżi, il-volumi tal-irkantar għall-2013-2018 huma mifruxin tul is-snin 2019 u 2020 biex tiġi żgurata provvista stabbli u prevedibbli ta' kwoti għas-suq.

Skont il-miżuri ta' salvagwardja adottati biex tiġi protetta l-integrità ambjentali tal-EU ETS[37], l-ebda kwota ma ġiet irkantata fl-2019 f'isem ir-Renju Unit. Bid-dħul fis-seħħ tal-Ftehim dwar il-Ħruġ fl-1 ta' Frar 2020, l-irkantijiet għar-Renju Unit reġgħu bdew fl-4 ta' Marzu 2020 u qegħdin isiru permezz tal-pjattaforma tal-irkantijiet ICE. Il-kwantità

[35] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/331, https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=OJ:L:2019:059:FULL&from=MT

[36] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1842, https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?uri=uriserv:OJ.L.2019.282.01.0020.01.ENG

[37] Commission Decision C(2018) 8707 of 17.12.2018 on instructing the central administrator to temporarily suspend the acceptance by the European Union Transaction Log of relevant processes for the United Kingdom relating to free allocation, auctioning and the exchange of international credits. (Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2018) 8707 tas-17.12.2018 dwar istruzzjonijiet lill-amministratur ċentrali biex jissospendi temporanjament l-aċċettazzjoni mir-Reġistru tat-Tranżazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea tal-proċessi rilevanti għar-Renju Unit relatati mal-allokazzjoni mingħajr ħlas, l-irkant u l-iskambju ta' krediti internazzjonali.)

inkluża fil-kalendarju tal-irkantijiet tar-Renju Unit tal-2020 tammonta għall-volumi kombinati li għandhom jiġu rkantati għas-snin kalendarji 2019 u 2020.

Saru aktar minn 1 700 irkant sat-30 ta' Ġunju 2020. It-Tabella 3 tipprovdi idea ġenerali tal-volumi ta' kwoti[38] rkantati minn EEX u ICE sat-30 ta' Ġunju 2020, inkluż l-irkantijiet bikrija[39] ta' kwoti ġenerali.

Tabella 3 Volum totali tal-kwoti tal-fażi 3 rkantati mill-2012 sat-30 ta' Ġunju 2020[40]

Sena	Kwoti ġenerali	Kwoti tal-avjazzjoni
2012	89 701 500	2 500 000
2013	808 146 500	0
2014	528 399 500	9 278 000
2015	632 725 500	16 390 500
2016	715 289 500	5 997 500
2017	951 195 500	4 730 500
2018	915 750 000	5 601 500
2019	588 540 000	5 502 500
2020 (sat-30 ta' Ġunju 2020)	360 446 000	3 371 500


Sors: EEX

Il-bidu tat-tħaddim tar-Riżerva tal-Istabbiltà tas-Suq (MSR) f'Jannar 2019 naqqas sostanzjalment il-provvista tal-irkantijiet, kif jidher fit-Tabella 3. L-irkantijiet ġeneralment twettqu mingħajr tfixkil u l-prezzijiet tal-bejgħ fl-irkant kienu ġeneralment konformi mal-prezzijiet tas-suq sekondarju.

Bejn Jannar 2019 u Ġunju 2020, ġew ikkanċellati tliet irkantijiet minħabba li l-prezz tar-riżerva ma ntlaħaqx jew minħabba li l-volum tal-offerta totali ma laħaqx dak tal-volum irkantat, f'konformità mar-regoli rilevanti fir-Regolament dwar l-Irkantar. B'dawn it-tliet irkantijiet, ġew ikkanċellati total ta' ħmistax-il irkant minn fost aktar minn 1 700 irkant li saru sa mill-aħħar tal-2012. Tingħata ħarsa ġenerali lejn il-prezzijiet tal-bejgħ fl-irkant mill-2013 sat-30 ta' Ġunju 2020 fl-Illustrazzjoni 2:

[38] Il-volumi tal-kwoti ġenerali ġew determinati b'kunsiderazzjoni għad-Deċiżjoni 1359/2013/UE. Il-volumi tal-kwoti tal-avjazzjoni ġew stabbiliti b'kunsiderazzjoni għad-Deċiżjoni Nru 377/2013/UE u r-Regolament (UE) Nru 421/2014.
[39] Fl-2012 saru l-irkantijiet bikrija tal-kwoti tal-fażi 3 fid-dawl tal-prattika kummerċjali mifruxa fis-settur tal-elettriku ta' bejgħ ta' enerġija fuq bażi bil-quddiem u xiri tal-inputs meħtieġa (inkluż il-kwoti) meta jbigħu l-produzzjoni tagħhom.
[40] It-tabella tinkludi l-volumi tal-irkant għall-EU27 + UK + ŻEE.

Illustrazzjoni 2: Prezz tal-bejgħ tal-irkantijiet tal-kwoti ġenerali mill-2013 sat-30 ta' Ġunju 2020



___ Prezz tal-Bejgħ b'Irkant

Sors: EEX

In-numru ta' parteċipanti fl-irkantijiet ta' kwoti ġenerali mill-2013 sat-30 ta' Ġunju 2020 huwa pprovdut fl-Appendiċi 2. Il-pjattaformi tal-irkant jippubblikaw ir-riżultati dettaljati ta' kull irkant fil-ħin f'siti web apposta. Aktar informazzjoni dwar il-prestazzjoni tal-irkantijiet, inkluż dwar il-parteċipazzjoni, il-proporzjon ta' kopertura u l-prezzijiet, tinstab fir-rapporti tal-Istati Membri ppubblikati fuq is-sit web tal-Kummissjoni[41].

Id-dħul totali ġġenerat mill-Istati Membri, mir-Renju Unit u mill-pajjiżi taż-ŻEE mill-irkantijiet li saru bejn l-2012 u t-30 ta' Ġunju 2020 qabeż EUR 57 biljun (ara t-Tabelli 2.1 u 2.2 fl-Appendiċi 2). Fl-2019 biss, id-dħul totali ġġenerat kien ogħla minn EUR 14-il biljun, filwaqt li fl-ewwel nofs tal-2020 dan laħaq EUR 7,9 biljun. Id-Direttiva dwar l-EU ETS tipprevedi li tal-anqas 50 % tad-dħul mill-irkantijiet, inkluż id-dħul kollu ġġenerat minn kwoti mqassma għall-finijiet tas-solidarjetà u tat-tkabbir, u d-dħul kollu minn kwoti maħruġa fir-rigward tal-avjazzjoni[42], jenħtieġ li jintuża mill-Istati Membri għal finijiet relatati mal-klima u l-enerġija.

Skont l-informazzjoni ppreżentata lill-Kummissjoni mill-Istati Membri, l-Istati Membri nefqu jew ippjanaw li jonfqu total ta' 77 % ta' dan id-dħul għal finijiet speċifiċi relatati mal-klima u mal-enerġija fl-2019. Fil-perjodu 2013-2019, madwar 78 % tad-dħul mill-irkantijiet intnefqu

[41] http://ec.europa.eu/clima/policies/ets/auctioning/documentation_en.htm
[42] L-Artikolu 3d(4) tad-Direttiva 2003/87/KE.

għal dawn il-finijiet. Filwaqt li sehem żgħir minn dan l-ammont (madwar 1,9 biljun jew 4 % tad-dħul totali f'dan il-perjodu) intnefaq għal finijiet internazzjonali tal-klima u l-enerġija, il-maġġoranza tad-dħul mill-irkantijiet fil-fażi 3 intnefaq fuq għanijiet domestiċi tal-klima u l-enerġija (l-aktar fuq l-enerġija rinnovabbli, l-effiċjenza enerġetika u t-trasport sostenibbli)[43].

Fl-2019, ir-Regolament dwar l-Irkantar ġie emendat[44] sabiex jiġi stabbilit il-qafas għall-irkantar tal-kwoti u l-ġestjoni tal-proġetti taħt il-Fond għall-Innovazzjoni u l-Fond għall-Modernizzazzjoni fil-fażi 4. L-emenda tirrifletti wkoll il-klassifikazzjoni tal-kwoti tal-EU ETS bħala strumenti finanzjarji skont id-Direttiva 2014/65/UE dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji (MiFID2).

F'Mejju 2020, il-Kummissjoni ppubblikat stedina[45] għall-akkwist tat-tielet pjattaforma komuni tal-irkantijiet tal-EU ETS, li se tirkanta kwoti f'isem 25 Stat Membru u t-3 Stati taż-ŻEE-EFTA, kif ukoll il-kwoti għall-Fond għall-Innovazzjoni u l-Fond għall-Modernizzazzjoni. L-irkantijiet fit-tielet pjattaforma komuni tal-irkantijiet huma mistennija li jibdew fil-bidu tal-2021.

3.1.2.3. Deroga minn irkantar sħiħ għall-produzzjoni tal-elettriku u s-sħana

L-Artikolu 10c tad-Direttiva dwar l-EU ETS jipprovdi deroga mir-regola ġenerali tal-irkantar biex jappoġġa investimenti fil-modernizzazzjoni tas-settur tal-elettriku f'ċerti Stati Membri tal-UE bi dħul aktar baxx. Tmienja minn għaxar Stati Membri eliġibbli* użaw din id-deroga fil-fażi 3 u jallokaw lill-ġeneraturi tal-elettriku numru ta' kwoti bla ħlas kemm-il darba jsiru investimenti korrispondenti.
Il-kwoti bla ħlas skont l-Artikolu 10c jitnaqqsu mill-kwantità li l-Istat Membru rispettiv kieku kien jirkanta. Il-prinċipju ġenerali huwa li l-ġeneraturi tal-elettriku jistgħu jirċievu kwoti bla ħlas ta' valur ekwivalenti għall-investimenti li jwettqu mill-Pjanijiet Nazzjonali ta' Investiment tagħhom, jew ekwivalenti għall-pagamenti magħmula f'fond nazzjonali li permezz tiegħu jistgħu jiġu ffinanzjati dawn l-investimenti, fuq il-bażi tar-regoli nazzjonali għall-implimentazzjoni tad-deroga. Peress li l-allokazzjoni ta' kwoti bla ħlas lil ġeneraturi tal-elettriku skont l-Artikolu 10c tad-Direttiva tal-ETS fil-prinċipju tinvolvi għajnuna mill-Istat, l-iskemi nazzjonali għall-implimentazzjoni tad-deroga skont l-Artikolu 10c ġew approvati skont ir-regoli tal-għajnuna mill-istat u huma soġġetti għar-rekwiżiti tal-Linji Gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat. L-allokazzjoni ssir fuq il-bażi ta' rappurtar annwali lill-Kummissjoni u awtorizzazzjoni minnha.**
Allokazzjoni tranżizzjonali bla ħlas skont l-Artikolu 10c se tkompli tkun disponibbli fil-fażi 4 iżda b'dispożizzjonijiet ta' trasparenza mtejba u bl-għażla għall-Istati Membri eliġibbli li jużaw l-allokazzjoni tal-Artikolu 10c tagħhom kollha jew parti minnha biex jiġu appoġġati l-investimenti fil-qafas tal-Fond għall-Modernizzazzjoni (ara l-Kapitolu 3.1.2.6). Abbażi tal-informazzjoni ppreżentata lill-Kummissjoni mill-Istati Membri, l-użu tal-Artikolu 10c se jkun limitat fil-fażi li jmiss, billi l-Bulgarija, ir-Rumanija, u l-Ungerija biss għażlu li jimplimentaw id-deroga. L-Istati Membri l-oħrajn eliġibbli***, fosthom il-Polonja u r-Repubblika Ċeka, li kellhom l-ogħla volumi ta' allokazzjonijiet tranżizzjonali bla ħlas fil-fażi 3, għażlu li ma jibqgħux jużaw id-deroga.

* Fil-fażi 3, il-Bulgarija, Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, l-Ungerija, il-Latvja, il-Litwanja, Malta, il-Polonja u r-Rumanija kienu eliġibbli għad-deroga. Malta u l-Latvja ddeċidew li ma jużawhiex.

** Linji Gwida dwar ċerti miżuri ta' għajnuna mill-Istat fil-kuntest tal-iskema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra għal wara l-2012, ĠU C 158, 05.06.2012, p. 4.

*** fil-fażi 4, il-Bulgarija, il-Kroazja, iċ-Ċekja, l-Estonja, l-Ungerija, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja, is-Slovakkja u r-

Il-valur totali tal-appoġġ tal-investiment irrapportat matul is-snin 2009 sal-2019 huwa ta' madwar EUR 13,1 biljun. Madwar 83 % ta' dan kienu ddedikati għal titjib u modifikazzjoni

[43] Tinsab aktar informazzjoni dwar l-użu tad-dħul mill-irkantijiet mill-Istati Membri fir-Rapport ta' Progress dwar l-Azzjoni Klimatika 2020.
[44] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) tat-28 ta' Awwissu 2019 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1031/2010 sabiex jallinja l-irkantar ta' kwoti mar-regoli tal-EU ETS għall-perjodu mill-2021 sal-2030 u mal-klassifikazzjoni tal-kwoti bħala strumenti finanzjarji skont id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill
[45] https://etendering.ted.europa.eu/cft/cft-display.html?cftId=6456


fl-infrastruttura, filwaqt li l-bqija tal-investimenti kienu fid-diversifikazzjoni tat-taħlita enerġetika u fit-teknoloġiji nodfa.

In-numru ta' kwoti allokati bla ħlas lill-ġeneraturi tal-elettriku fl-2019 huwa indikat fit-Tabella 1.1, fl-Appendiċi 1 tal-Anness, filwaqt li n-numru massimu ta' kwoti fis-sena huwa indikat fit-Tabella 1.2 tal-Appendiċi 1.

Il-kwoti mhux allokati mill-fażi 3 jistgħu jiġu rkantati jew, skont id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar l-EU ETS, jistgħu jiġu allokati fl-2021 sal-2030 għall-investimenti tal-Artikolu 10c magħżula permezz ta' offerti kompetittivi jew għall-Fond għall-Modernizzazzjoni. Filwaqt li l-Ungerija għażlet li tittrasferixxi l-kwoti 10c mhux allokati tagħha mill-fażi 3 għall-volum ta' 10c tagħha fil-fażi 4, il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri l-oħrajn iddeċidew li jirkantaw il-kwoti li jifdal tagħhom. Ir-Rumanija għamlet użu miż-żewġ għażliet, billi ttrasferiet parti mill-kwoti mhux allokati tagħha għall-fażi 4, u rkantat parti minnhom.

L-Illustrazzjoni 3 turi n-numru ta' kwoti 10c li kienu allokati għall-perjodu 2013 sal-2019 għal kull Stat Membru.

Illustrazzjoni 3: Numru ta' kwoti allokati bla ħlas skont l-Artikolu 10c[46]




Sors: DĠ Azzjoni Klimatika

L-Illustrazzjoni 4 turi sa liema punt il-kwoti 10c minn kull sena ta' allokazzjoni tal-fażi 3 ġew allokati, miżjuda mal-irkantijiet, jew jibqgħu mhux użati.

[46] In-numru ta' kwoti 10c inklużi f'din l-illustrazzjoni jista' jinkludi kwoti maħruġa b'dewmien għas-snin preċedenti. F'dan il-każ, l-ammonti rilevanti kull sena huma riflessi fl-EUTL.

Illustrazzjoni 4: Id-distribuzzjoni tal-kwoti (allokati, irkantati, li fadal mhux użati)[47]



Sors: DĠ Azzjoni Klimatika

It-Tabella 4 turi n-numru ta' kwoti 10c mhux użati li ġew irkantati fil-perjodu 2013 sal-2020, kif ukoll in-numru ta' kwoti li baqgħu ma ntużawx wara s-sena ta' allokazzjoni 2019 li se jiġu rkantati fl-2021, jew ittrasferiti għall-allokazzjoni skont l-Artikolu 10c fil-fażi 4, jew ittrasferiti lill-Fond għall-Modernizzazzjoni.

Tabella 4: Trattament tal-kwoti 10c mhux użati mis-snin ta' allokazzjoni 2013-2019[48]

Stat Membru	Numru ta' kwoti 10c li ġew irkantati (f'miljuni)	Numru ta' kwoti 10c li baqgħu ma ntużawx (f'miljuni)
BG	**9,8**	**0,5**
CY	**0,0**	**0,0**
CZ	**0,4**	**0,0**
EE	**2,9**	**0,0**
LT	**1,2**	**0,1**
PL	**105,3**	**34,7**
RO	**15,4**	**3,6**
HU	**0**	**0,9**
Total	**135,0**	**39,7**

[47] Iċ-ċifri jinkludu l-ammonti li se jiġu rkantati sa l-kalendarju tal-irkant tal-2020 u matulu.
[48] Iċ-ċifri jinkludu l-ammonti għall-irkant sa u matul il-kalendarju tal-irkant tal-2020 (mis-snin tal-allokazzjoni 2013-2019).

In-numru ta' kwoti mhux allokati li ġew irkantati (jew previsti għall-irkantar) mill-Istati Membri taħt id-deroga tal-Artikolu 10c għall-perjodu 2013-2021 huwa indikat fit-Tabella 1.3 fl-Appendiċi 1 tal-Anness.

3.1.2.4. Il-programm NER 300

L-NER 300 huwa programm ta' finanzjament fuq skala kbira għal proġetti ta' dimostrazzjoni innovattivi ta' enerġija b'emissjonijiet baxxi ta' karbonju. Huwa mmirat għall-wiri ta' ġbir u ħżin tal-karbonju (CCS) sikuri għall-ambjent u teknoloġiji innovattivi ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli (RES) fuq skala kummerċjali fi ħdan l-UE. L-NER 300 huwa ffinanzjat mill-monetizzazzjoni ta' 300 miljun kwota tal-emissjonijiet mill-NER. Il-fondi ngħataw lill-proġetti magħżula permezz ta' żewġ sensiliet ta' sejħiet għall-proposti

Bħala riżultat taż-żewġ sejħiet għall-proposti tal-programm NER 300, ingħataw 38 proġett RES u proġett wieħed CCS f'20 Stat Membru tal-UE, li jammontaw għal EUR 2,1 biljun. Sal-31 ta' Diċembru 2019, 9 proġetti huma operazzjonali: Il-proġett tal-bijoenerġija Verbiostraw fil-Ġermanja, il-proġetti ta' parks eoliċi fuq l-art Windpark Blaiken fl-Iżvezja u Windpark Handalm fl-Awstrija, il-proġetti ta' parks eoliċi lil hinn mill-kosta Veja Mate u Nordsee One fil-Ġermanja, il-proġett ta' grid intelliġenti Puglia Active Network fl-Italja, il-proġetti ta' parks eoliċi li jżommu f'wiċċ l-ilma lil hinn mill-kosta Vertimed fi Franza u Winfloat fil-Portugall, kif ukoll il-proġett ikkonċentrat tal-enerġija solari Minos fil-Greċja. Proġett wieħed ta' bijoenerġija Taljan BEST, jitqies li hu lest.

It-tħejjija biex tliet proġetti oħra mit-tieni sejħa jibdew joperaw sat-30 ta' Ġunju 2021 qed tavvanza. Minħabba l-kuntest ekonomiku u politiku diffiċli minn meta ġie stabbilit il-programm NER 300, 22 proġett ma setgħux jattiraw biżżejjed appoġġ finanzjarju addizzjonali u ġew irtirati, u b'kollox ġew rilaxxati EUR 1 455 biljun. Erba' proġetti oħra huma taħt diversi stadji ta' żvilupp.

Id-Deċiżjoni emendata dwar NER 300[49], ippermettiet investiment mill-ġdid tal-fondi rilaxxati mill-proġetti kkanċellati tal-ewwel sejħa (EUR 708,7 miljun sa issa) fi strumenti finanzjarji eżistenti - il-Proġetti ta' Dimostrazzjoni fil-Qasam tal-Enerġija InnovFin (EDP) u l-Istrument ta' Dejn tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (CEF DI), li t-tnejn huma mmexxija mill-Bank Ewropew tal-Investiment. Dan se jippermetti li jiġu massimizzati l-benefiċċji tal-programm NER 300 u l-ingranaġġ ta' investimenti privati addizzjonali fl-innovazzjoni b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju.

Fil-perjodu kopert mir-rapport, intgħażlu żewġ proġetti biex jibbenefikaw mill-fondi mhux minfuqa ta' NER 300 taħt l-InnovFin EDP, bl-għajnuna li tammonta għal madwar EUR 95 miljun (ara l-Appendiċi 8 tal-Anness).

[49] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2172 tal-20 ta' Novembru 2017 li temenda d-Deċiżjoni 2010/670/UE rigward l-użu ta' dħul mhux imqassam mill-ewwel serje ta' sejħiet għal proposti.

L-għajnuna għall-iżvilupp tal-proġetti (PDA) taħt l-istrument InnovFin hija disponibbli wkoll għall-promoturi tal-proġetti biex tiżdied il-maturità tal-proġetti tagħhom. Dan l-aħħar, tliet proġetti dwar il-klima bbenefikaw minn EUR 692 000 ta' finanzjament tal-PDA, bl-appoġġ tal-fondi mhux imħallsa tal-NER 300. Dawn il-proġetti, fl-Iżvezja, fl-Italja u fin-Netherlands, jindirizzaw it-tibdil fil-klima billi jiżviluppaw impjanti ta' dimostrazzjoni innovattivi li huma l-ewwel tat-tip (ara l-Appendiċi 8 tal-Anness)

Fl-aħħar nett, ingħata appoġġ ta' madwar EUR 34 miljun mill-fondi mhux imħallsa tal-NER 300 taħt il-CEF DI lil tliet proġetti innovattivi ta' trasport nadif li jinsabu fl-Italja u fil-Ġermanja (ara l-Appendiċi 8 tal-Anness).

Il-fondi rilaxxati mill-proġetti kkanċellati tat-tieni sejħa (EUR 746 miljun sa issa) se jiżdiedu mar-riżorsi disponibbli għall-Fond għall-Innovazzjoni.

Tabella 5: Il-proġetti tal-NER 300 li ntgħażlu fl-ewwel u fit-tieni sejħa għall-proposti[50]

	L-ewwel Sejħa għall-proposti	**It-tieni Sejħa għall-proposti**
Proġetti li qegħdin jitħejjew	0	6
Proġetti taħt reviżjoni tal-istatus	1	0
Proġetti operazzjonali	8	1
Proġetti kompluti	1	0
Proġetti rtirati	10	12
Total	20	19

Sors: DĠ Azzjoni Klimatika

3.1.2.5. Il-Fond għall-Innovazzjoni

Il-Fond għall-Innovazzjoni huwa wieħed miż-żewġ fondi għal teknoloġiji b'livell baxx ta' karbonju maħluqa mid-Direttiva dwar l-EU ETS għall-2021-2030. Dan se jappoġġa, fuq bażi kompetittiva, l-iżvilupp għall-ewwel darba fis-suq u d-dimostrazzjoni fuq skala kummerċjali ta' teknoloġiji innovattivi u innovazzjoni rivoluzzjonarja fis-setturi koperti mill-EU ETS, inkluż is-sorsi rinnovabbli innovattivi, l-industriji intensivi fl-enerġija, il-qbid, l-użu u l-ħżin tad-diossidu tal-karbonju (CCUS), il-ħżin tal-enerġija, kif ukoll prodotti sostituti u proġetti transsettorjali. Dan se jkun iffinanzjat mill-irkantar ta' 450 miljun kwota u dħul mhux minfuq mit-tieni sejħa tal-Programm NER 300.

[50] B'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/670/UE, il-proġetti magħżula skont l-ewwel sejħa kellhom jaslu għal deċiżjoni finali ta' investiment sa tmiem l-2016, filwaqt li l-proġetti magħżula fit-tieni sejħa kellhom jagħmlu dan sal-aħħar ta' Ġunju 2018.

L-ewwel sejħa għall-proposti[51] taħt il-Fond għall-Innovazzjoni tnediet f'Lulju 2020. Is-sejħa hija miftuħa għall-proġetti fis-setturi eliġibbli mill-Istati Membri tal-UE, min-Norveġja u mill-Iżlanda. Se tipprovdi finanzjament ta' għotjiet ta' EUR 1 biljun b'kollox għal proġetti fuq skala kbira ta' teknoloġija nadifa bi spejjeż kapitali ta' aktar minn EUR 7,5 miljun. Il-Fond għall-Innovazzjoni se jagħti għotjiet b'mod flessibbli, abbażi ta' stadji importanti speċifiċi għall-proġetti, u jista' jappoġġa sa 60 % tal-ispejjeż relatati mal-innovazzjoni. L-għotjiet jistgħu jintużaw flimkien ma' inizjattivi oħrajn ta' finanzjament pubbliku, bħall-għajnuna mill-Istat jew programmi oħrajn ta' finanzjament tal-UE. L-ewwel sejħa se tkun segwita minn sejħiet regolari sal-2030, biex il-kumpaniji jiġu megħjuna jinvestu u jġibu fis-suq is-soluzzjonijiet teknoloġiċi nodfa rivoluzzjonarji meħtieġa għan-newtralità klimatika tal-UE fl-2050.

Evalwaturi esterni indipendenti se jivvalutaw il-proġetti abbażi ta' sett komprensiv ta' kriterji: l-evitar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra, il-potenzjal tal-innovazzjoni, il-maturità finanzjarja, teknika u operattiva tal-proġetti, kif ukoll il-potenzjal tagħhom biex iżidu l-effiċjenza u l-kosteffiċjenza.

Għal proġetti li jinstabu promettenti, iżda li jkunu għadhom mhumiex maturi biżżejjed, is-sejħa tipprevedi baġit ta' EUR 8 miljun biex tgħin fl-iżvilupp tal-proġett.

Il-proġetti jistgħu japplikaw permezz tal-portal tal-UE għall-Finanzjament u l-Offerti[52]. L-iskadenza għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet għall-ewwel stadju hija d-29 ta' Ottubru 2020. L-applikanti se jiġu infurmati dwar ir-riżultati tal-evalwazzjoni u se jiġu mistiedna jissottomettu applikazzjoni sħiħa jew jirċievu assistenza għall-iżvilupp tal-proġett fl-ewwel tliet xhur tal-2021. L-informazzjoni dwar ir-riżultati tal-evalwazzjoni mit-tieni stadju se tiġi pprovduta fir-raba' kwart tal-2021. L-għotjiet se jingħataw fl-aħħar tal-2021.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni qed tippjana li tniedi sejħa apposta għal proġetti fuq skala żgħira sa tmiem l-2020.

3.1.2.6. Il-Fond għall-Modernizzazzjoni

Il-Fond għall-Modernizzazzjoni huwa wieħed miż-żewġ fondi għal emissjonijiet b'livell baxx ta' karbonju maħluqa mid-Direttiva dwar l-EU ETS għall-fażi 4. Dan se jappoġġa investimenti fil-modernizzazzjoni tas-settur tal-enerġija u fis-sistemi usa' tal-enerġija f'għaxar Stati Membri bi dħul aktar baxx[53]. Il-fond se jkun operazzjonali mill-2021.

Ir-riżorsi finanzjarji tal-Fond għall-Modernizzazzjoni huma distribwiti fost l-Istati Membri benefiċjarji abbażi tal-Artikolu 10(d) u l-Anness IIb tad-Direttiva tal-ETS. Barra minn hekk, ir-Rumanija, il-Litwanja, iċ-Ċekja, il-Kroazja, l-Ungerija, u s-Slovakkja ddeċidew li jittrasferixxu aktar kwoti għas-sehem tagħhom tal-Fond għall-Modernizzazzjoni. B'riżultat ta' dan, kważi 650 miljun kwota b'kollox huma disponibbli għall-fond.

[51] Is-sejħa għall-proposti tista' tiġi aċċessata hawnhekk: https://ec.europa.eu/info/funding-tenders/opportunities/portal/screen/opportunities/topic-details/innovfund-lsc-2020-two-stage

[52] https://ec.europa.eu/info/funding-tenders/opportunities/portal/screen/home

[53] Il-Bulgarija, il-Kroazja, iċ-Ċekja, l-Estonja, l-Ungerija, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja, ir-Rumanija u s-Slovakkja

Id-Direttiva tal-ETS tiddefinixxi l-oqsma ta' prijorità għall-investiment, jiġifieri l-ġenerazzjoni u l-użu tal-elettriku minn sorsi rinnovabbli, it-titjib tal-effiċjenza enerġetika (minbarra l-installazzjonijiet tal-fjuwils fossili), il-ħżin tal-enerġija, il-modernizzazzjoni tan-netwerks tal-enerġija, u t-tranżizzjoni ġusta f'reġjuni dipendenti fuq il-karbonju. Mill-inqas 70 % tar-riżorsi tal-Fond għall-Modernizzazzjoni għandhom jintnefqu fuq investimenti prijoritarji. L-investimenti f'oqsma mhux prijoritarji jkunu soġġetti għal valutazzjoni aktar profonda mill-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) u għal vot minn kumitat ta' investiment magħmul minn Stati Membri, il-BEI u l-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni adottat l-att ta' implimentazzjoni[54] dwar it-tħaddim tal-Fond għall-Modernizzazzjoni f'Lulju 2020. L-att ta' implimentazzjoni jistabbilixxi proċedura ħafifa fejn l-Istati Membri benefiċjarji huma responsabbli għall-għażla, għall-finanzjament u għar-rappurtar tal-investimenti, u għandhom jikkonformaw mar-regoli applikabbli dwar l-għajnuna mill-Istat. Il-Kummissjoni se tkun responsabbli għad-deċiżjonijiet ta' ħlas, wara l-valutazzjoni mill-BEI.

3.1.2.7. Kumpens għall-ispejjeż indiretti tal-karbonju

Minbarra l-allokazzjoni bla ħlas armonizzata madwar l-UE biex tkopri l-ispejjeż tal-karbonju diretti, l-Istati Membri tal-UE jistgħu jagħtu l-għajnuna mill-Istat biex jikkumpensaw lil xi industriji li jużaw ħafna elettriku għall-ispejjeż tal-karbonju indiretti, jiġifieri spejjeż li jirriżultaw minn żieda fil-prezzijiet tal-elettriku minħabba ġeneraturi tal-enerġija li jgħaddu l-ispejjeż tax-xiri ta' kwoti lill-konsumaturi.

Sabiex jitnaqqas it-tgħawwiġ tal-kompetizzjoni fis-suq intern, tiżdied it-trasparenza, u jinżamm l-objettiv tal-EU ETS li tinkiseb dekarbonizzazzjoni kosteffikaċi, il-Kummissjoni adottat il-Linji Gwida tal-EU ETS dwar l-Għajnuna mill-Istat*, li huma validi sal-aħħar tal-2020. Il-Linji Gwida jiddeterminaw, fost l-oħrajn, is-setturi eliġibbli u l-ammonti massimi għal kumpens ta' spejjeż indiretti tal-karbonju.

Fid-dawl tal-iskadenza imminenti tal-Linji Gwida attwali, il-Kummissjoni rrevediet il-Linji Gwida tal-EU ETS dwar l-Għajnuna mill-Istat għall-2021 sal-2030. Il-Linji Gwida l-ġodda dwar l-Għajnuna mill-Istat** ġew adottati fil-21 ta' Settembru 2020 (ara wkoll l-Appendiċi 6 tal-Anness).

* Linji Gwida dwar ċerti miżuri ta' għajnuna mill-Istat fil-kuntest tal-iskema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra għal wara l-2012, ĠU C 158, 05.06.2012, p. 4

Sal-lum, il-Kummissjoni approvat 14-il[55] skema ta' kumpens għall-ispejjeż indiretti tal-karbonju fi 13-il Stat Membru. F'Awwissu 2019, il-Kummissjoni approvat skema ġdida għall-Polonja[56]. Il-Polonja hija mistennija li tibda tikkumpensa fl-2020 għall-ispejjeż indiretti

[54] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1001, https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/ALL/?uri=CELEX:32020R1001

[55] Barra minn hekk, ġew adottati modifikazzjonijiet għall-iskemi Franċiżi u Spanjoli.

[56] https://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/case_details.cfm?proc_code=3_SA_53850

mġarrba fl-2019. L-istess jgħodd għal skema Rumena li ġiet approvata mill-Kummissjoni f'Mejju 2020[57]. Għadd ta' Stati Membri oħrajn indikaw l-intenzjoni tagħhom li jibdew jikkumpensaw għall-ispejjeż indiretti.

Id-Direttiva dwar l-EU ETS tiddetermina li fi żmien tliet xhur wara t-tmiem ta' kull sena, l-Istati Membri li jkollhom fis-seħħ skema ta' kumpens għall-ispejjeż indiretti, jenħtieġ li jagħmlu disponibbli lill-pubbliku, f'forma li tkun aċċessibbli faċilment, l-ammont totali ta' kumpens ipprovdut u t-tqassim għal kull settur u subsettur benefiċjarju.

Sommarju tad-*data* ppubblikata mill-Istati Membri dwar il-kumpens imħallas fl-2019 huwa ppreżentat fit-Tabella 6. Billi l-Polonja u r-Rumanija ma jikkumpensawx għall-ispejjeż indiretti mġarrba fl-2018, dawn l-Istati Membri mhumiex riflessi fit-tabella.

Tabella 6: Kumpens għall-ispiża indiretta tal-karbonju mħallsa fl-2019

Pajjiż	**Tul tal-iskema**	**Kumpens żburżat fl-2019 għall-ispejjeż indiretti mġarrba fl-2018 (f'miljuni ta' EUR)**	**Għadd ta' benefiċjarji (installazzj onijiet)**	**Dħul mill-irkant 2018 (f'miljuni ta' EUR)[58]**	**Perċentwal tad-dħul mill-irkant li jintnefaq fuq il-kumpens tal-ispiża indiretta**
Ir-Renju Unit[59]	2013 - 2020	22	60	1607	3,7%
DE	2013 - 2020	219	898	2565	8,5%
BE (FL)	2013 - 2020	35,9	107	379	11,4%
BE (WL)	2017 - 2020	7,5	29		
NL	2013 - 2020	40,3	92	501	8,0%
EL	2013 - 2020	16,8	50	519	3,2%
LT	2014 - 2020	0,3	1	80	0,3%
SK	2014 - 2020	6	8	229	2,6%
FR	2015 - 2020	102,1	286	818	12,4%
FI	2016 - 2020	29,1	61	250	11,6%
ES	2013 - 2015	172,2	183	1291	13,3%
LU	2018-2020	4,2	4	18	23,2%

Sors: Is-sottomissjonijiet tal-pajjiżi lid-DĠ Azzjoni Klimatika

Il-kumpens tal-ispejjeż indiretti totali mħallsa mill-10 Stati Membri tal-UE u mir-Renju Unit fl-2019 għall-ispejjeż imġarrba fl-2018 ammonta għal madwar EUR 656 miljun. Dan huwa

[57] https://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/case_details.cfm?proc_code=3_SA_56403
[58] Id-dħul mill-irkant tal-kwoti tal-avjazzjoni huwa esklużż.
[59] Iċ-ċifri għar-Renju Unit riflessi fit-tabella huma l-istess ċifri bħal fir-rapport tas-sena l-oħra. Ir-raġuni hija l-komparabbiltà ma' pajjiżi oħra li jimplimentaw skemi ta' kumpens tal-ispejjeż indiretti tal-karbonju. Ir-Renju Unit jippubblika ċ-ċifri tiegħu aktar malajr minn pajjiżi oħra u għalhekk iċ-ċifri tal-2020 huma diġà disponibbli hawnhekk: https://assets.publishing.service.gov.uk/government/uploads/system/uploads/attachment_data/file/903187/indirect-cost-compensation-uk-2019.pdf

kważi 200 miljun aktar mill-ammont imħallas fl-2018. Iż-żieda notevoli meta mqabbla mas-sena preċedenti tista' tiġi spjegata, min naħa waħda, biż-żieda sinifikanti fil-bażit ta' Spanja (minn EUR 6 miljun fl-2018 għal EUR 172 miljun fl-2019), u min-naħa l-oħra biż-żieda żgħira fil-prezz tal-karbonju użat għall-kalkolu tal-kumpens. Iż-żieda sostnuta tal-prezz tal-karbonju fl-2018 għadha ma ġietx kompletament riflessa fl-ammonti mħallsa fl-2019 minħabba l-fatt li l-Linji Gwida jippreskrivu l-użu tal-prezz bil-quddiem fis-sena x-1.

Waħda mid-dispożizzjonijiet ta' trasparenza fid-Direttiva dwar l-EU ETS riveduta tistabbilixxi li l-Istati Membri li nefqu aktar minn 25 % tad-dħul mill-irkant tagħhom fuq il-kumpens tal-ispejjeż indiretti fi kwalunkwe sena għandhom jippubblikaw rapport li jistabbilixxi r-raġunijiet għaliex dan l-ammont inqabeż. Il-fatt li fl-2018 id-dħul mill-irkant kien ogħla b'mod sinifikanti mis-snin ta' qabel, flimkien mal-fatt li l-kumpens ma żdiedx daqshekk malajr minħabba l-obbligu li jintuża l-prezz tas-sena ta' qabel, ifisser li fl-ebda wieħed mill-Istati Membri ma ntlaħaq il-limitu ta' 25 %. Bħala medja, l-Istati Membri nefqu 7,9 % tad-dħul tagħhom mill-irkant fuq il-kumpens tal-ispejjeż indiretti. Fis-snin li ġejjin, l-Istati Membri huma mistiedna jżommu għassa mill-qrib tal-bażits tagħhom għal dan il-punt ta' nfiq.

3.1.3. Krediti internazzjonali

Il-parteċipanti fl-EU ETS għadhom jistgħu jużaw il-krediti internazzjonali mill-Mekkaniżmu għal Żvilupp Nadif (CDM) u l-Implimentazzjoni Konġunta (JI) tal-Protokoll ta' Kjoto sabiex jissodisfaw il-parti tal-obbligi tagħhom tal-EU ETS sal-aħħar taċ-ċiklu ta' konformità tal-2020*, soġġett għal restrizzjonijiet kwalitattivi u kwantitattivi. Dawn il-krediti huma strumenti finanzjarji li jirrappreżentaw tunnellata ta' CO_2 imneħħija jew imnaqqsa mill-atmosfera bħala riżultat ta' proġett għat-tnaqqis tal-emissjonijiet. Il-krediti ma jiġux ċeduti direttament, iżda minflok jistgħu jiġu skambjati għal kwoti fi kwalunkwe żmien matul is-sena kalendarja.

Skont id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar l-EU ETS, il-krediti internazzjonali ma jibqgħux jintużaw għall-konformità mal-EU ETS fl-2021-2030.

* Proġetti CDM u JI jiġġeneraw krediti tal-karbonju ta' Kjoto: Tnaqqis Iċċertifikat ta' Emissjonijiet (CERs) u Unitajiet

Għalkemm il-kwantità eżatta ta' intitolamenti ta' krediti internazzjonali matul il-fażijiet 2 u 3 (2008-2020) tiddependi parzjalment mill-kwantità ta' emissjonijiet futuri vverifikati, l-analisti tas-suq jistmaw li din se tammonta għal madwar 1,6 biljun krediti. Mill-aħħar ta' Ġunju 2020, l-għadd totali ta' krediti internazzjonali użati jew skambjati jammonta għal 1,54 biljun, jiġifieri aktar minn 96 % tal-istima għall-massimu awtorizzat. Fl-2019 biss, ġew skambjati madwar 17,3 miljun unità.

Għal ħarsa ġenerali sħiħa tal-iskambju internazzjonali tal-krediti, ara l-Appendiċi 3 tal-Anness.

3.2. Domanda: kwoti li nħarġu miċ-ċirkolazzjoni

Fl-2019, l-emissjonijiet mill-installazzjonijiet stazzjonarji li kienu qed jieħdu sehem fl-EU ETS naqsu sew b'9,1 % meta mqabbla mal-2018, abbażi tal-informazzjoni rreġistrata fir-Reġistru tal-Unjoni. Kif turi t-Tabella 7, it-tnaqqis seħħ l-aktar minħabba l-produzzjoni tal-elettriku u tas-sħana, fejn l-emissjonijiet naqsu b'madwar 15 % meta mqabbla mal-2018, u dan jirrifletti d-dekarbonizzazzjoni minħabba li l-faħam qed jiġi sostitwit bl-elettriku minn sorsi rinnovabbli u minħabba l-produzzjoni tal-enerġija li taħdem bil-gass. L-emissjonijiet mill-industrija naqsu bi kważi 2 %, u dan jirriżulta fl-akbar tnaqqis tagħhom fil-fażi 3 s'issa. B'mod ġenerali, mill-bidu tal-fażi 3 fl-2013, l-emissjonijiet tal-ETS minn installazzjonijiet stazzjonarji naqsu bi 19,8 %.

Tabella 7: Emissjonijiet minn installazzjonijiet stazzjonarji vverifikati (f'miljun tunnellata ta' ekwivalenti ta' CO_2)[60]

Sena	2011	2012	2013	2014	2015	2016	2017	2018	2019
Emissjonijiet totali vverifikati	1 904	1 867	1 908	1 814	1 803	1 750	1 755	1 682	1 530
Bidla mis-sena x-1		-2,0%	2,2%	-4,9%	-0,6%	-2,9%	0,2%	-4,1%	-9,1%
L-emissjonijiet mill-produzzjoni tal-elettriku u s-sħana ivverifikati	1 206	1 201	1 138	1 049	1 043	1 001	996	930	792
Bidla mis-sena x-1		-0,5%	-5,2%	-7,8%	-0,5%	-4,1%	-0,5%	-6,6%	-14,9%
Emissjonijiet mill-installazzjonijiet industrijali vverifikati	698	666	770	765	760	750	759	753	738
Bidla mis-sena x-1		-4,6%	15,6%	-0,7%	-0,7%	-1,3%	1,3%	-0,8%	-1,9%
Rata ta' tkabbir reali tal-PDG EU27 + UK	1,8%	-0,4%	0,3%	1,7%	2,4%	2,0%	2,6%	2,0%	1,5%

Sors: EUTL, *data* tal-PDG kif irrapportata fuq Eurostat (kodiċi tat-tabella: tec00115, aċċessata f'Lulju 2020). L-emissjonijiet tal-avjazzjoni vverifikati huma rrapportati b'mod separat fil-Kapitolu 4.

[60] Ċifri għall-EU27 + ir-Renju Unit + iż-ŻEE. It-tqegħid fil-kategoriji tal-produzzjoni ta' elettriku u sħana u tal-industrija fit-Tabella 7 hija bbażata fuq il-klassifikazzjoni tan-NACE mis-sottomissjoni tal-2020 mill-Istati Membri tal-Miżuri Nazzjonali ta' Traspożizzjoni tagħhom skont l-Artikolu 11 tad-Direttiva 2003/87/KE.

Analiżi tal-emissjonijiet mhux ta' CO_2 minn installazzjonijiet skont it-tip ta' gass serra (N_2O u PFCs) ivverifikati mill-ETS, hija pprovduta fit-Tabella 4.1, fl-Appendiċi 4 tal-Anness.


In-numru ta' kwoti kkanċellati fuq bażi volontarja jammonta għal 33 498 kwota fl-2019. B'kollox, ġew irreġistrati l-kanċellazzjonijiet volontarji ta' 372 840 kwota sa Ġunju 2020. Il-biċċa l-kbira tal-kanċellazzjonijiet bejn l-2013 u Ġunju 2020 twettqu mid-detenturi tal-kontijiet fir-Reġistri tar-Renju Unit, tal-Ġermanja, tal-Iżvezja, tan-Norveġja, u tan-Netherlands.

3.3. Ibbilanċjar tal-provvista u tad-domanda

Fil-bidu tal-fażi 3 fl-2013, l-EU ETS kienet ikkaratterizzata minn żbilanċ strutturali kbir bejn id-domanda u l-provvista tal-kwoti, li jirriżulta f'madwar 2,1 biljun kwota. Sabiex jiġi indirizzat l-iżbilanċ strutturali, fl-2015 inħolqot Riżerva tal-Istabbiltà tas-Suq (MSR) sabiex il-provvista għall-irkantar tal-kwoti tal-emissjonijiet issir aktar flessibbli. L-MSR bdiet titħaddem fl-2019.

Fl-2018, l-eċċess kien ta' 1,65 biljun kwota, filwaqt li fl-2019 laħaq livell ferm aktar baxx, ta' 1,385 biljun kwota. Il-Figura 5 tippreżenta l-iżvilupp tal-eċċess fis-suq Ewropew tal-karbonju sa tmiem l-2019.

Illustrazzjoni 5: Żvilupp tal-eċċess fis-suq Ewropew tal-karbonju fl-2013 sal-2019



Sors: DĠ AZZJONI KLIMATIKA

Fil-kuntest tar-reviżjoni tal-EU ETS[61], saru bidliet importanti għall-funzjonament tal-MSR, kif jidher fil-kaxxa tat-test hawn taħt.

Kunċett ewlieni għall-funzjonament tal-MSR huwa n-numru totali ta' kwoti fiċ-ċirkolazzjoni (TNAC). Il-kwoti se jiżdiedu mar-riżerva, jekk it-TNAC ikun akbar minn limitu ogħla predefinit (833 miljun kwota) u se jiġu rilaxxati mir-riżerva, jekk in-numru jkun inqas minn limitu predefinit aktar baxx (taħt l-400 miljun kwota)*. Għalhekk, l-MSR tassorbi jew tirrilaxxa l-kwoti jekk dawk li jkunu qed jiċċirkolaw ikunu barra minn medda predefinita. Kwoti kkonċentrati fl-aħħar tal-perjodu u dawk hekk imsejħa mhux allokati** wkoll se jiġu assorbiti mir-riżerva. Mill-2023, il-kwoti miżmuma fl-MSR li jaqbżu l-volum tal-irkant tas-sena preċedenti ma jibqgħux aktar validi.

L-għadd totali ta' kwoti fiċ-ċirkolazzjoni li jkunu rilevanti għad-determinazzjoni tal-introjti u tar-rilaxxi fl-MSR huwa kkalkolat abbażi tal-formula li ġejja:

TNAC = Provvista – (Domanda + kwoti fl-MSR)

Il-komponenti tad-domanda u l-provvista użati fil-formula huma deskritti fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-TNAC, li tiġi ppubblikata kull sena sal-15 ta' Mejju.***

* Jew fejn jiġu adottati miżuri skont l-Artikolu 29a tad-Direttiva dwar l-EU ETS

**Kwoti mhux allokati huma kwoti mhux allokati skont l-Artikolu 10a(7) tad-Direttiva dwar l-EU ETS, jiġifieri kwoti li jifdal fir-riżerva għal min jidħol ġdid, u li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-Artikolu 10a(19) u (20), jiġifieri kwoti previsti għall-allokazzjoni bla ħlas lill-istallazzjonijiet, iżda li jibqgħu mhux allokati minħabba waqfien (parzjali) ta' operazzjonijiet jew tnaqqis sinifikanti tal-kapaċità. Il-kwoti effettivament "mhux allokati" li ġejjin mill-applikazzjoni tal-fattur rilevanti ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju għal setturi mhux inklużi fil-lista ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju matul il-perjodu attwali, kif ukoll kull kwota li ma tkunx allokata skont l-Artikolu 10c tad-Direttiva dwar l-ETS, mhumiex previsti li jiġu integrati fir-Riżerva tal-Istabbiltà tas-Suq skont l-Artikolu 1(3) tad-Deċiżjoni (UE) 2015/1814. Għalhekk, dawn il-kwoti mhumiex koperti (irreferi għall-paġna 225 tal-Valutazzjoni tal-Impatt (SWD(2015) 135 final) li takkumpanja l-proposta tal-2015 għal reviżjoni tad-Direttiva dwar l-EU ETS).

***Ara l-aħħar Komunikazzjoni TNAC, ippubblikata f'Mejju 2020: C(2020) 2835 final, https://ec.europa.eu/clima/sites/clima/files/ets/reform/docs/c_2020_2835_en.pdf.


Ir-rapport dwar is-suq tal-karbonju jippermetti l-konsolidazzjoni taċ-ċifri tad-domanda u l-provvista li huma ppubblikati skont l-ordni kronoliġika tal-obbligi ta' rapportar li jirriżultaw mid-Direttiva dwar l-EU ETS u d-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni tagħha.

L-illustrazzjoni 6 turi l-kompożizzjoni tad-domanda u l-provvista fl-2019. Id-*data* rilevanti ġiet ippubblikata wkoll bħala parti mir-raba' komunikazzjoni dwar l-għadd totali ta' kwoti fiċ-ċirkolazzjoni (TNAC) għall-finijiet tal-MSR[62].

[61] Id-Direttiva (UE) 2018/410 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2018 li temenda d-Direttiva 2003/87/KE biex jiżdiedu t-tnaqqis kosteffettiv tal-emissjonijiet u l-investimenti għal emissjonijiet baxxi ta' karbonju, u d-Deċiżjoni (UE) 2015/1814, (ĠU L 76, 19 ta' Marzu 2018, p. 3); disponibbli fuq: https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/HTML/?uri=CELEX:32018L0410&from=MT

[62] C(2020) 2835 final, https://ec.europa.eu/clima/sites/clima/files/ets/reform/docs/c_2020_2835_en.pdf

Illustrazzjoni 6: Kompożizzjoni tad-domanda u l-provvista kumulattivi (f'miljuni ta' kwoti) sal-aħħar tal-2019



Sors: DĠ Azzjoni Klimatika

Bi preparazzjoni għal meta l-MSR tibda taħdem fl-2019, minn nofs Mejju 2017[63] il-Kummissjoni ppubblikat regolarment it-TNAC għas-sena preċedenti. F'Mejju 2020, it-TNAC li jikkorrispondi għal 1 385 496 166 kwota, ġie ppubblikat għar-raba' darba[64]. Il-pubblikazzjoni tal-2020 se tkompli twassal għat-tqegħid ta' kwoti fl-MSR, u se tnaqqas il-volumi għall-irkant fl-2020 u fl-2021.

Għalhekk, fuq il-bażi tat-TNAC tal-2019 u l-2020 u l-leġiżlazzjoni riveduta, l-irkantijiet fl-2020 tnaqqsu bi qrib 375 miljun kwota (jew kważi 35 %). Il-volumi tal-irkant fl-2021 se jitnaqqsu wkoll billi jiġi segwit l-istess approċċ. L-Appendiċi 7 jipprovdi informazzjoni dwar il-kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri lill-MSR għall-2020 kollu.

Fl-2021, il-Kummissjoni se twettaq l-ewwel rieżami tal-MSR. Id-Deċiżjoni dwar l-MSR teħtieġ li jsir rieżami tliet snin wara li tibda titħaddem (jiġifieri mill-aħħar tal-2021). Ir-rieżami se jitwettaq fil-kuntest usa' ta' reviżjoni tal-EU ETS ippjanata għal Ġunju 2021 fid-dawl tal-mira ta' aktar tnaqqis tal-emissjonijiet tal-UE għall-2030. Il-Kummissjoni se tirrieżamina l-MSR fuq il-bażi ta' analiżi tal-funzjonament ordnat tas-suq Ewropew tal-

[63] C(2017) 3228 final, https://ec.europa.eu/clima/sites/clima/files/ets/reform/docs/c_2017_3228_en.pdf
[64] C(2020) 2835 final, https://ec.europa.eu/clima/sites/clima/files/ets/reform/docs/c_2020_2835_en.pdf

karbonju, filwaqt li tagħti attenzjoni partikolari liċ-ċifra perċentwali għall-alimentazzjoni tal-MSR, il-valur numeriku tal-limitu, u l-għadd ta' kwoti li għandhom jinħarġu mir-riżerva, u se tħares ukoll lejn l-impatt tar-riżerva fuq it-tkabbir, l-impjiegi, il-kompetittività industrijali tal-UE u fuq ir-riskju tar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju.

4. AVJAZZJONI

Is-settur tal-avjazzjoni ilu jagħmel parti mill-EU ETS sa mill-2012. Il-leġiżlazzjoni oriġinali kienet tkopri t-titjiriet kollha lejn iż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) u dawk ħerġin minnha.. Madankollu, l-UE ddeċidiet li tillimita temporanjament l-obbligi għat-titjiriet tan-nazzjonalitajiet kollha ta' linji tal-ajru fi ħdan iż-ŻEE, sabiex tappoġġa l-iżvilupp ta' miżura globali mill-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO) għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-avjazzjoni.

F'Ottubru 2016, l-Assemblea tal-ICAO qablet fuq riżoluzzjoni dwar l-Iskema ta' Kumpens u Tnaqqis tal-Karbonju għall-Avjazzjoni Internazzjonali (CORSIA), li għandha tibda fl-2021. CORSIA hija skema ta' kumpens tal-karbonju bil-għan li jiġu stabbilizzati l-emissjonijiet netti mill-avjazzjoni internazzjonali fil-livelli tal-2020 permezz tax-xiri u l-kanċellazzjoni ta' krediti internazzjonali. Fid-dawl ta' dan ir-riżultat, id-Direttiva dwar l-EU ETS ġiet emendata fl-2017 biex ittawwal il-kamp ta' applikazzjoni tagħha fi ħdan iż-ŻEE għall-avjazzjoni sal-2023.

L-EU ETS għall-avjazzjoni tkopri t-titjiriet fuq rotot bejn ajrudromi li jinsabu fiż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE), u tiżgura t-trattament ugwali tal-linji tal-ajru fir-rotot tat-titjiriet. Id-Direttiva dwar l-EU ETS tipprevedi li l-Kummissjoni Ewropea tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-modi kif il-CORSIA tiġi implimentata fid-dritt tal-Unjoni permezz ta' reviżjoni tad-Direttiva. Sakemm ma tiġix riveduta b'mod attiv, id-deroga tal-kamp ta' applikazzjoni ġeografiku tal-EU ETS tiskadi fl-aħħar tal-2023, u

Fl-2019, il-kwoti nħarġu skont il-kamp ta' applikazzjoni intra-ŻEE. L-allokazzjoni bla ħlas ammontat għal kemxejn aktar minn 32,4 miljun kwota. Dan in-numru jinkludi l-allokazzjoni bla ħlas (ftit aktar minn 31,3 miljun kwota) u kważi 1,1 miljun kwota bla ħlas allokati mir-riżerva speċjali għal min jidħol ġdid u għall-operaturi li qed jikbru b'rata mgħaġġla. L-allokazzjonijiet minn din ir-riżerva huma rduppjati fl-2017-2020 peress li huma relatati mal-perjodu sħiħ tal-2013-2020. Il-volum ta' kwoti rkantati fl-2019 kien ta' madwar 5,5 miljun kwota. Fir-rigward tal-iżviluppi fl-emissjonijiet mill-avjazzjoni, l-emissjonijiet ivverifikati żdiedu aktar bil-mod fl-2019 (b'1 % meta mqabbla mal-2018), u laħqu l-livell ta' 68,2 miljun tunnellata ta' CO_2.

It-Tabella 8 turi sommarju tal-emissjonijiet ivverifikati, tal-allokazzjoni bla ħlas, u tal-volumi tal-irkant għas-settur tal-avjazzjoni sa mill-bidu tal-fażi 3.

Tabella 8: Emissjonijiet ivverifikati u allokazzjoni għas-settur tal-avjazzjoni (f'miljuni)

Sena	2013	2014	2015	2016	2017	2018	2019	2020
Emissjonijiet ivverifikati (f'miljuni ta' tunnellati ta' ekwivalenti ta' CO_2)	53,5	54,8	57,1	61,5	64,4	67,5	68,2	
Bidla fl-emissjonijiet ivverifikati għas-sena x-1		2,5%	4,1%	7,7%	4,8%	4,8%	1%	
Allokazzjoni bla ħlas (EU27+UK+ŻEE)[65]	32,4	32,4	32,1	32,0	33,1	31,3	31,3[66]	31,2
Allokazzjoni bla ħlas minn riżerva speċjali għal min jidħol ġdid u għall-operaturi li qegħdin jikbru malajr	0	0	0	0	1,1	1,1	1,1	0,9
Volumi ta' kwoti rkantati	0	9,3	16,4	6,0	4,7	5,6	5,5	3,4[67]

Sorsi: EUTL, DĠ Azzjoni Klimatika, EEX

Il-volumi ta' kwoti tal-avjazzjoni rkantati matul il-perjodu 2013-2015 jirriflettu d-deċiżjoni tal-koleġiżlatur tal-2013 biex "jitwaqqaf l-arloġġ"[68] u biex l-obbligi tal-klima jiġu limitati biss għal titjiriet fi ħdan iż-ŻEE. Il-konformità għas-settur tal-avjazzjoni ġiet posposta għall-2012 u l-2013. Għalhekk, il-volumi ta' kwoti posposti tal-2012 ġew irkantati fl-2014, filwaqt li kien hemm konformità bejn Jannar u April 2015 għall-emissjonijiet tal-avjazzjoni mill-2013 u l-2014.

[65] Dawn in-numri ma jqisux l-għeluq kollu tal-operaturi tal-inġenji tal-ajru u l-kwoti mingħajr ħlas mir-Riżerva Speċjali.
[66] Meta wieħed iqis in-numri miżmuma minħabba l-għeluq, l-allokazzjoni reali għall-2019 tkun ta' 1,4 miljun inqas miċ-ċifra ppreżentata. L-allokazzjoni għar-Renju Unit (4,31 miljun kwota tat-total għall-2019) li ġiet sospiża fl-2019 minħabba l-miżuri ta' salvagwardja adottati mill-Kummissjoni biex tipproteġi l-integrità ambjentali tal-EU ETS, reġgħet inbdiet fl-2020.
[67] Sal-aħħar ta' Ġunju 2020
[68] Id-Deċiżjoni Nru 377/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' April 2013 għal deroga temporanja mid-Direttiva 2003/87/KE li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità Test b'relevanza għaż-ŻEE, ĠU L 113, 25.4.2013, p. 1.

L-inklużjoni tas-settur tal-avjazzjoni fl-EU ETS kellha impatt sinifikanti fuq il-prestazzjoni ambjentali tas-sistema kollha kemm hi. Fil-Fażi 3, sal-2019, l-operaturi tal-inġenji tal-ajru ċedew 296 miljun kwota tal-avjazzjoni u 127 miljun kwota ġenerali, din l-aħħar ċifra tirrappreżenta l-kontribuzzjoni tas-settur tal-avjazzjoni għall-istrettezza ġenerali tal-EU ETS.

F'Ġunju 2018, l-ICAO adottat l-Istandards u l-Prattiki Rakkomandati tal-CORSIA (SARPs)[69], li, flimkien mal-Elementi ta' Implimentazzjoni, jagħtu d-dettalji ta' kif tiffunzjona l-iskema. Filwaqt li jappoġġaw l-adozzjoni formali tal-SARPs mill-ICAO, l-UE u l-Istati Membri tagħha segwew il-proċeduri tal-ICAO biex jinnotifikaw id-differenzi li hemm bejn il-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE u l-CORSIA[70]. Id-differenzi minn Stati oħra għadhom ma ġewx ippubblikati mill-ICAO.

L-impatt sinifikanti tal-COVID-19 fuq l-avjazzjoni internazzjonali kellu wkoll riperkussjonijiet fuq il-CORSIA. L-emissjonijiet mill-avjazzjoni fl-2020 huma mistennija li jonqsu għal inqas minn 40 % tal-livelli tal-2019. Fid-dawl ta' dan l-impatt, l-industrija globali tal-avjazzjoni, appoġġata minn bosta pajjiżi parteċipanti tal-ICAO, talbet b'suċċess il-bidla tal-linja bażi tal-CORSIA mill-medja oriġinali tal-emissjonijiet tal-2019-2020 għal medja tal-2019 biss għall-fażi pilota tal-CORSIA. B'hekk, l-obbligi ta' kumpens futuri għal-linji tal-ajru tnaqqsu b'mod sinifikanti jew ġew eliminati meta mqabbla mal-linja bażi prevista oriġinarjament. Jekk il-linja bażi tal-2019 biss tiġix estiża lil hinn mill-2023 irid jiġi deċiż fis-snin li ġejjin.

Bħala parti mill-pakkett ġenerali tal-leġiżlazzjoni skont il-Ftehim Ekoloġiku Ewropew u abbażi tad-Direttiva dwar l-EU ETS kif emendata fl-2017[71], il-Kummissjoni bħalissa qed tħejji proposta biex temenda l-EU ETS għall-avjazzjoni sa Ġunju 2021. Il-proposta se tkun doppja. Se tnaqqas is-sehem tal-kwoti allokati mingħajr ħlas lill-operaturi tal-inġenji tal-ajru, biex tnaqqas aktar l-emissjonijiet tal-gassijiet serra. Se tindirizza wkoll l-implimentazzjoni tal-CORSIA fid-dritt tal-Unjoni b'mod li huwa konsistenti mal-objettivi għall-klima tal-UE għall-2030.[72] Ir-reviżjonijiet li diġà sar qbil fuqhom fl-EU ETS jipprevedu l-estensjoni tal-Fattur ta' Tnaqqis Lineari ta' 2,2 % għal-limitu massimu tal-avjazzjoni mill-fażi 4 tal-EU ETS, li tibda fl-2021.

[69] https://www.icao.int/environmental-protection/CORSIA/Pages/SARPs-Annex-16-Volume-IV.aspx
[70] https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:32018D2027
[71] https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/HTML/?uri=CELEX:32017R2392&from=EN
[72] https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/12494-Revision-of-the-EU-Emission-Trading-System-Directive-concerning-aviation-

5. SORVELJANZA TAS-SUQ

Skont id-Direttiva riveduta dwar is-Swieq fl-Istrumenti Finanzjarji* (MiFID2), il-kwoti tal-emissjonijiet huma kklassifikati bħala strumenti finanzjarji mit-3 ta' Jannar 2018. Dan ifisser li r-regoli li japplikaw għas-swieq finanzjarji tradizzjonali (dawk li jinkludu n-negozju ta' derivattivi tal-karbonju fuq pjattaformi ewlenin jew barra l-borża (OTC)) se japplikaw ukoll għas-segment spot tas-suq tal-karbonju sekondarju (tranżazzjonijiet fi kwoti ta' emissjonijiet għal konsenja immedjata fis-suq sekondarju). B'hekk dan is-segment jitqiegħed fuq l-istess livell tas-suq tad-derivattivi f'termini ta' trasparenza, ta' protezzjoni tal-investitur u ta' integrità. Is-sorveljanza fis-suq primarju tibqa' koperta mir-Regolament dwar l-Irkantar, minbarra fejn jidħlu kwistjonijiet relatati ma' abbuż tas-suq.

Bis-saħħa ta' kontroreferenzi għal definizzjonijiet tal-MiFID2 ta' strumenti finanzjarji, se japplikaw biċċiet oħra ta' leġiżlazzjoni tas-suq finanzjarju. Dan huwa b'mod speċjali l-każ għar-Regolament dwar l-Abbuż tas-Suq (MAR)**, li se jkopri t-tranżazzjonijiet u l-kondotta li jinvolvu kwoti tal-emissjonijiet, kemm fis-swieq primarji kif ukoll fis-swieq sekondarji. Bl-istess mod, kontroreferenza għall-MiFID2 fid-Direttiva kontra l-Ħasil tal-Flus*** se tagħti lok għal applikazzjoni obbligatorja ta' kontrolli tad-diliġenza dovuta tal-klijenti minn negozjanti tal-karbonju liċenzjati mill-MiFID lill-klijenti tagħhom fis-suq spot sekondarju tal-kwoti tal-emissjonijiet. ****

* Id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE

** Ir-Regolament (UE) Nru 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar l-abbuż tas-suq (Regolament dwar l-abbuż tas-suq) u li jħassar id-Direttiva 2003/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttivi tal-Kummissjoni 2003/124/KE, 2003/125/KE u 2004/72/KE

*** Id-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, li temenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li tħassar id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE

**** Il-kontrolli tad-diliġenza dovuta huma diġà obbligatorji fis-suq primarju u fis-suq sekondarju fid-derivattivi tal-kwoti tal-emissjonijiet.

Fl-2019, l-għadd ta' parteċipanti eliġibbli biex jagħmlu offerta fl-irkantijiet fil-Pjattaforma Komuni tal-Irkantijiet kompla jikber. Minn 80 parteċipant f'Jannar, is-sena ntemmet b'86 offerent eliġibbli f'Diċembru 2019. L-operaturi baqgħu l-aktar kategorija dominanti tal-parteċipanti eliġibbli li jagħmlu offerti fl-irkantijiet (madwar 70 %) segwiti minn kumpaniji tal-investiment u istituzzjonijiet tal-kreditu (madwar 20 %) u persuni eżentati mir-rekwiżiti tal-MiFID (10 %).[73]

[73] Id-*data* kollha tittieħed mir-rapporti ta' kull xahar tal-Pjattaforma Komuni tal-Irkantijiet (CAP2) lill-Kummissjoni.

Skont ir-regoli eżistenti dwar l-abbuż tas-suq, l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali[74] huma responsabbli għall-monitoraġġ tas-suq, kemm fir-rigward tal-irkantijiet kif ukoll tas-suq sekondarju. Fil-livell Ewropew, l-azzjonijiet tagħhom huma kkoordinati mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA), kif inhu l-każ għal strumenti finanzjarji oħra.[75]

[74] Informazzjoni aktar dettaljata dwar l-attivitajiet tal-awtoritajiet kompetenti nazzjonali fil-monitoraġġ tas-suq hija disponibbli fir-Rapport tas-Suq tal-Karbonju tal-2019 (COM(2019) 557 finali/2), li jinstab hawn: https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:52019DC0557R(01)

[75] Il-lista tal-awtoritajiet kompetenti nazzjonali responsabbli skont ir-Regolament dwar l-abbuż tas-suq tinstab fil-paġni web tal-ESMA. Il-lista tal-unitajiet tal-Intelliġenza finanzjarja Ewropea, li jittrattaw kwistjonijiet relatati mal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, tinstab fil-paġni web tal-Europol.

6. MONITORAĠĠ, RAPPORTAR U VERIFIKA TAL-EMISSJONIJIET

Ir-rekwiżiti għall-monitoraġġ, ir-rapportar, il-verifika u l-akkreditazzjoni (MRVA) tal-EU ETS huma armonizzati fir-Regolament dwar il-Monitoraġġ u r-Rapportar (MRR)* u fir-Regolament dwar l-Akkreditazzjoni u l-Verifika (AVR)**.

Is-sistema ta' monitoraġġ fl-EU ETS hija mfassla bħala approċċ ta' "elementi importanti" li jippermetti ħafna flessibbiltà biex l-operaturi jkunu jistgħu jiżguraw il-kosteffiċjenza, filwaqt li fl-istess ħin tintlaħaq affidabbiltà kbira tad-*data* dwar l-emissjonijiet immonitorjati. Għal dan il-għan, huma permessi diversi metodi ta' monitoraġġ ("ibbażati fuq il-kalkolu" jew "ibbażati fuq il-kejl", kif ukoll, bħala eċċezzjoni, "approċċi ta' riżerva"). Il-metodi jistgħu jingħaqdu għal partijiet individwali ta' installazzjoni. Għall-operaturi ta' inġenji tal-ajru, approċċi bbażati fuq il-kalkolu biss huma fattibbli, fejn il-konsum tal-karburant huwa l-parametru ċentrali li jrid jiġi ddeterminat għat-titjiriet koperti mill-EU ETS. Ir-rekwiżit li l-installazzjonijiet u l-operaturi ta' inġenji tal-ajru jkollhom pjan ta' monitoraġġ approvat mill-awtorità kompetenti fuq il-bażi tal-MRR jipprevjeni għażla arbitrarja tal-metodi ta' monitoraġġ u varjazzjonijiet temporali.

Permezz tal-AVR għall-fażi 3 u lil hinn, ġie introdott approċċ armonizzat fl-UE kollha lejn l-akkreditazzjoni tal-verifikaturi. Il-verifikaturi jridu jkunu akkreditati minn Korp Nazzjonali ta' Akkreditament (NAB) sabiex iwettqu l-verifiki f'konformità mal-AVR. Din is-sistema ta' akkreditazzjoni uniformi tippermetti lill-verifikaturi joperaw b'rikonoxximent reċiproku fil-pajjiżi parteċipanti kollha, u għalhekk li jieħdu vantaġġ sħiħ mis-suq intern u jgħinu biex tiġi żgurata disponibbiltà suffiċjenti ġenerali.

* Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 601/2012 tal-21 ta' Ġunju 2012 dwar il-monitoraġġ u r-rapportar ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ĠU L 181, 12.7.2012, p. 30.

** Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 600/2012 tal-21 ta' Ġunju 2012 dwar il-verifika tar-rapporti dwar l-emissjonijiet tal-gassijiet serra u r-rapporti dwar it-tunnellati kilometri u l-akkreditazzjoni tal-verifikaturi skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ĠU L 181, 12.7.2012, p. 1

6.1. Żviluppi Ġenerali

L-esperjenza fl-implimentazzjoni tal-MRR u l-AVR matul il-fażi 3 tal-ETS uriet il-ħtieġa ta' aktar titjib, kjarifika u simplifikazzjoni tar-regoli biex l-armonizzazzjoni tkun aktar promossa, biex jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-operaturi u għall-pajjiżi parteċipanti, u biex tiżdied l-effiċjenza tas-sistema.

B'kunsiderazzjoni ta' dan, l-ewwel aġġornament taż-żewġ Regolamenti sabiex isiru t-tħejjijiet għall-fażi 4 tal-EU ETS u sabiex jitjiebu u jiġu ssimplifikati l-proċessi MRVA, sar fl-2018. Il-verżjonijiet riveduti tal-MRR[76] u tal-AVR[77] daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2019. Ix-

[76] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2066 tad-19 ta' Diċembru 2018 dwar il-monitoraġġ u r-rapportar ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 601/2012, ĠU L 334, 31.12.2018, p. 1–93

xogħol fuq it-tieni aġġornament beda fi Frar 2019. Biex jiġu aġġornati dawn iż-żewġ Regolamenti gew ikkonsultati l-pajjiżi parteċipanti dwar xi kwistjonijiet immirati li ma setgħux jiġu indirizzati matul l-ewwel aġġornament, bħall-implimentazzjoni tar-riformulazzjoni tad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli[78]. Il-proċess globali tar-reviżjoni tal-MRVA jenħtieġ li jiġi konkluż sew qabel il-bidu tal-fażi 4 fl-2021.

L-effiċjenza tas-sistema ta' konformità tjiebet peress li l-MRR ippermetta lill-pajjiżi jagħmlu r-rapportar elettroniku obbligatorju. Bħas-sena li għaddiet, 17-il pajjiż parteċipanti rrapportaw l-użu ta' mudelli elettroniċi jew ta' formati ta' fajls speċifiċi għall-pjanijiet ta' monitoraġġ, għar-rapporti tal-emissjonijiet, għar-rapporti ta' verifika u/jew għar-rapporti ta' titjib ibbażati fuq ir-rekwiżiti minimi stabbiliti mill-Kummissjoni. Tlettax-il pajjiż parteċipanti rrapportaw li jużaw xi forma ta' sistema tal-IT awtomatizzata għar-rapportar tal-EU ETS.

6.2. Monitoraġġ applikat

Skont ir-rapporti tal-Artikolu 21 sottomessi fl-2020, ħafna mill-installazzjonijiet jużaw il-metodoloġija bbażata fuq il-kalkolu[79]. 155 installazzjoni biss (1,5 %) fi 23 pajjiż ġew irrapportati li jużaw sistemi kontinwi għall-kejl tal-emissjonijiet, bl-aktar mod frekwenti fil-Ġermanja, fiċ-Ċekja u fi Franza. Filwaqt li n-numru ta' pajjiżi huwa l-istess bħas-sena preċedenti, b'mod ġenerali hemm inqas installazzjonijiet li qegħdin jużaw dan l-approċċ.

Huma 13-il pajjiż biss li rrapportaw l-użu tal-approċċ ta' riżerva minn 34 installazzjoni, li jkopru madwar 3,0 miljun tunnellata ta' CO_{2e} (meta mqabbla ma' 2,6 miljun tunnellata ta' CO_{2e} minn 38 installazzjoni fi 11-il pajjiż fis-sena ta' qabel). Installazzjoni waħda fin-Netherlands hija responsabbli għal 42 % tal-emissjonijiet globali rrapportati b'rabta mal-metodoloġija ta' riżerva.

Is-saffi minimi prestabbiliti[80] tal-MRR huma ssodisfati mill-maġġoranza assoluta tal-installazzjonijiet. Hemm biss 90 installazzjoni tal-kategorija C (meta mqabbla ma' 97 fis-sena ta' qabel), jiġifieri 11,8 %, ġew irrapportati li jiddevjaw għal mill-inqas b'parametru wieħed mir-rekwiżit li jiġu applikati l-ogħla saffi għall-flussi mis-sorsi maġġuri. Dawn id-devjazzjonijiet huma permessi biss meta l-operatur juri li l-ogħla saff mhuwiex teknikament vijabbli jew iġarrab spejjeż mhux raġonevoli. Ladarba dawn il-kundizzjonijiet ma jibqgħux japplikaw, l-operaturi jkollhom itejbu s-sistema ta' monitoraġġ tagħhom kif xieraq.

Bl-istess mod, rapporti mit-23 pajjiż parteċipanti jindikaw li b'mod ġenerali, 22 % tal-installazzjonijiet tal-kategorija B huma permessi b'xi forma ta' devjazzjoni mir-rekwiżiti

[77] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2067 tad-19 ta' Diċembru 2018 dwar il-verifika tad-*data* u l-akkreditament tal-verifikaturi skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ĠU L 334, 31.12.2018, p. 94–134.

[78] Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli, ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82-209.

[79] Ir-raġuni ewlenija għal dan hija li l-metodoloġija bbażata fuq il-kejl tinvolvi l-iskjerament ta' riżorsi sinifikanti u ta' għarfien għall-kejl kontinwu tal-konċentrazzjoni ta' GHGs rilevanti, li ħafna mill-operaturi ż-żgħar ma għandhomx.

[80] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 601/2012 jirrikjedi li l-operaturi kollha jissodisfaw ċerti gradi minimi, u s-sorsi l-kbar ta' emissjonijiet huma meħtieġa jilħqu gradi ogħla (li jinvolvu kwalità tad-*data* aktar affidabbli), filwaqt li għal raġunijiet ta' kosteffiċjenza għandhom japplikaw rekwiżiti inqas stretti għas-sorsi ż-żgħar.

prestabbiliti tal-MRR; dan huwa kważi simili meta mqabbel ma' 19 % fis-sena preċedenti u ma' 21 % fis-sena ta' qabel dik, u juri titjib kostanti fil-konformità tal-ogħla saff.

6.3. Verifika akkreditata

In-numru totali ta' verifikaturi mhuwiex irrapportat fir-rapporti tal-Artikolu 21. Madankollu, il-kooperazzjoni Ewropea għall-Akkreditazzjoni (EA) tipprovdi link ċentrali għall-Korpi Nazzjonali ta' Akkreditament (NABs) rilevanti u għal-listi tagħhom ta' verifikaturi akkreditati tal-EU ETS[81].

Ir-rikonoxximent reċiproku tal-verifikaturi fost il-pajjiżi parteċipanti qiegħed jaħdem b'suċċess: 28 pajjiż irrapportaw li mill-inqas verifikatur barrani wieħed huwa attiv fit-territorju tagħhom.

Il-konformità tal-verifikaturi mal-AVR tinstab li hija għolja. L-ebda pajjiż ma rrapporta sospensjoni jew irtirar ta' akkreditazzjoni ta' verifikatur. Dan huwa komparabbli ma' sospensjoni waħda u ebda rtirar għall-2018. Għall-2019, il-Ġermanja rrapportat tnaqqis fil-kamp ta' applikazzjoni tal-akkreditazzjonijiet ta' sitt verifikaturi, u l-Polonja għal verifikatur wieħed, meta mqabbel ma' tnaqqis għal żewġ verifikaturi, verifikatur wieħed u tliet verifikaturi rrapportati rispettivament mill-Ġermanja, Franza u l-Polonja fl-2018. Seba' pajjiżi rrapportaw ilmenti li rċevew dwar il-verifikaturi din is-sena (tlieta inqas mis-sena li għaddiet). Madankollu, in-numru totali ta' lmenti (66) huwa 7 % inqas. 71 % tal-ilmenti li waslu huma rrapportati bħala riżolti fiż-żmien tar-rapportar (fis-sena ta' qabel din ir-rata kienet ta' 93 %). Tmien pajjiżi rrapportaw l-identifikazzjoni ta' nuqqasijiet ta' konformità tal-verifikaturi bħala parti mill-proċess ta' skambju ta' informazzjoni bejn l-NABs u l-awtoritajiet kompetenti (meta mqabbla ma' għaxra s-sena li għaddiet).

7. ĦARSA ĠENERALI LEJN L-ARRANĠAMENTI AMMINISTRATTIVI

Il-pajjiżi li jipparteċipaw fl-EU ETS jużaw approċċi diversi fir-rigward tal-awtoritajiet kompetenti inkarigati mill-implimentazzjoni tagħha. F'ċerti pajjiżi, hemm għadd ta' awtoritajiet lokali involuti, filwaqt li f'oħrajn l-approċċ huwa ferm aktar iċċentralizzat.

Skont is-sottomissjonijiet tal-Artikolu 21 fl-2020, kien hemm, bħala medja, 4 awtoritajiet kompetenti involuti fl-implimentazzjoni tal-EU ETS għal kull pajjiż.[82] Fir-rigward tal-koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet, ġew irrapportati għodod diversi, bħal strumenti leġiżlattivi għall-ġestjoni ċentrali ta' pjanijiet ta' monitoraġġ (f'14-il pajjiż), struzzjonijiet vinkolanti u gwida minn awtorità ċentrali kompetenti mogħtija lill-awtoritajiet lokali (f'10 pajjiżi), u

[81] Lista tal-EA tal-punti ta' aċċess għall-NABs li jakkreditaw il-verifikaturi għall-EU ETS: https://european-accreditation.org/national-accreditation-bodies-having-successfully-undergone-peer-evaluation-by-ea/

[82] F'xi każijiet, il-pajjiżi jistgħu jkunu qegħdin jirrapportaw diversi awtoritajiet reġjonali/lokali bħala awtorità kompetenti waħda.

gruppi ta' ħidma jew laqgħat regolari bejn l-awtoritajiet (fi 13-il pajjiż). Seba' pajjiżi indikaw li ma hemm l-ebda għodda bħal din fis-seħħ (CY, IE, IS, IT, LI, LU u MT).

Fir-rigward tat-tariffi amministrattivi imposti b'rabta mal-permessi u mal-approvazzjoni tal-pjanijiet ta' monitoraġġ, fl-2020, 13-il pajjiż irrapportaw li ma jimponu l-ebda tariffa fuq l-operaturi tal-installazzjonijiet (CY, DE, EE, EL, IE, LI, LT, LU, LV, MT, NL, SE, SK), l-istess bħas-sena preċedenti. L-operaturi tal-inġenji tal-ajru fi 15-il pajjiż ma jħallsux tariffi (BE, CY, CZ, DE, EE, ES, EL, LI, LT, LU, LV, MT, NL, SE, SK). L-imposti jvarjaw b'mod sinifikanti minn pajjiż għal ieħor u minn tip ta' servizz għal ieħor, b'firxa li tvarja minn EUR 5 sa EUR 7283,17 għall-approvazzjonijiet ta' permessi u ta' pjanijiet ta' monitoraġġ għall-installazzjonijiet u minn EUR 2,19 sa EUR 2 400 għall-istess servizz għall-operaturi tal-avjazzjoni.

B'mod ġenerali, l-organizzazzjoni amministrattiva tal-ETS tal-pajjiżi parteċipanti hija fil-biċċa l-kbira effettiva. Il-komunikazzjoni u l-qsim tal-aħjar prattiki, inkluż permezz tal-attivitajiet tal-Forum dwar il-Konformità mal-EU ETS u l-Konferenza annwali dwar il-Konformità mal-EU ETS, jenħtieġ li jkomplu jissaħħu u jitħeġġu.

8. KONFORMITÀ U INFURZAR

Id-Direttiva dwar l-EU ETS tipprevedi penali għall-emissjonijiet eċċessivi fil-forma ta' EUR 100 (indiċjati għall-inflazzjoni) għal kull tunnellata ta' CO_2 mormija, li għalihom ma ġiet ċeduta l-ebda kwota fiż-żmien dovut, u teħtieġ ukoll li l-kwoti jiġu ċeduti għal dawn l-emissjonijiet. Penali oħrajn li japplikaw għall-ksur fl-implimentazzjoni tal-EU ETS huma skont id-dispożizzjonijiet nazzjonali stabbiliti mill-pajjiż ikkonċernat.

Għaċ-ċiklu ta' konformità tal-2019, minkejja s-sitwazzjoni ekonomika diffiċli minħabba l-kriżi tal-COVID-19, il-livell ta' konformità mal-EU ETS baqa' għoli ħafna: il-biċċa l-kbira tal-operaturi, li jkopru aktar minn 99 % tal-emissjonijiet minn installazzjonijiet stazzjonarji, ikkonformaw mal-obbligi legali tagħhom f'Marzu u f'April 2020. L-installazzjonijiet mhux konformi kienu tipikament żgħar. Madwar 500 operatur tal-inġenji tal-ajru rrappurtaw u kkonformaw, inklużi aktar minn 100 operatur kummerċjali tal-inġenji tal-ajru li huma bbażati barra mill-UE iżda li joperaw titjiriet fiż-ŻEE. L-operaturi mhux konformi kienu żgħar tipikament, jew waqfu joperaw fl-2018.

L-awtoritajiet kompetenti jibqgħu jwettqu verifiki tal-konformità differenti fuq ir-rapporti tal-emissjonijiet annwali. Fuq il-bażi tas-sottomissjonijiet tal-Artikolu 21 fl-2020, il-pajjiżi parteċipanti kollha[83] jivverifikaw il-kompletezza tar-rapporti annwali tal-emissjonijiet mill-installazzjonijiet (100 % tar-rapporti għajr BE 31 %, ES 94 %, FR 95 %), u l-maġġoranza tal-pajjiżi jiivverifikaw ir-rapporti mill-operaturi tal-inġenji tal-ajru - kollha ħlief l-Ungerija, il-

[83] L-Italja ma tatx tweġiba għall-mistoqsija rilevanti fis-sottomissjoni tal-2020, għalhekk, għal dan il-pajjiż intużat id-*data* mis-sena ta' qabel bħala approssimazzjoni.

Latvja (it-tnejn għandhom żewġ operaturi ta' inġenji tal-ajru) u l-Liechtenstein (l-ebda operatur ta' inġenji tal-ajru). Ir-rapporti jindikaw ukoll li bħala medja, il-pajjiżi jivverifikaw madwar 83 % tar-rapporti tal-installazzjonijiet għall-konsistenza mal-pjanijiet ta' monitoraġġ (b'91 % tar-rapporti tal-avjazzjoni) u qrib 70 % tar-rapporti tal-istallazzjonijiet mqabbla mad-*data* tal-allokazzjoni. Tlieta u għoxrin pajjiż irrapportaw li jwettqu wkoll kontroverifiki ma' *data* oħra għaż-żewġ installazzjonijiet u 24 pajjiż jagħmlu dan ukoll għall-operaturi tal-inġenji tal-ajru.

L-awtoritajiet kompetenti fi 12-il pajjiż wettqu stimi konservattivi dwar *data* nieqsa fil-każ ta' 101 installazzjoni (madwar 1 % tal-installazzjonijiet b'mod ġenerali), kważi darbtejn l-ammont tat-tliet snin ta' qabel. Iż-żieda tidher li hija dovuta għal għadd ogħla ta' stimi konservattivi fin-Netherlands (51 installazzjoni affettwati fl-2019 meta mqabbla ma' 11 fl-2018), minħabba li waslu aktar notifiki ta' żbalji ta' monitoraġġ meta mqabbla mas-snin ta' qabel. Il-kwantità rrapportata tal-emissjonijiet affettwati tal-2019 kienet ta' 61,0 miljun tunnellata ta' CO_2 (meta mqabbla ma' 11,2 miljun tunnellata fl-2018), madwar 4 % tal-emissjonijiet ġenerali (meta mqabbla ma' 0,7 % fl-2018). L-aktar raġunijiet komuni mogħtija biex isiru stimi konservattivi kienu rapporti dwar l-emissjonijiet li ma kinux kompletament konformi mar-rekwiżiti tal-MRR u n-nuqqas ta' rapport dwar l-emissjonijiet sal-31 ta' Marzu.

Stimi konservattivi tad-*data* nieqsa għall-avjazzjoni ġew irrapportati minn seba' pajjiżi fir-rigward ta' 33 operatur ta' inġenji tal-ajru (madwar 5,4 % tal-operaturi kollha), u 1,6 % tal-emissjonijiet tal-avjazzjoni.

Il-verifiki tal-awtoritajiet kompetenti jibqgħu importanti wkoll biex jissupplimentaw ix-xogħol tal-verifikatur. Għall-2019, il-pajjiżi kollha kkonfermaw li fil-każ ta' installazzjonijiet huma jwettqu verifiki ulterjuri. Ħafna mill-pajjiżi rrapportaw approċċ simili rigward l-operaturi ta' inġenji tal-ajru (ħlief HU, IT, LI, u LV). Il-biċċa l-kbira tal-pajjiżi (kollha ħlief EL, IT, LU u MT) irrapportaw li wettqu kontrolli fuq il-post fl-installazzjonijiet fl-2019, u kważi nofs il-pajjiżi rrapportaw kontrolli fuq il-post għall-avjazzjoni (kollha ħlief BG, CY, CZ, EE, ES, FI, FR, EL, HU, IT, LI, LT, LU, LV, MT, NO, PT u UK).

Fl-2019, l-applikazzjoni ta' penali għall-emissjonijiet eċċessivi ġiet irrapportata għal 25 installazzjoni minn 8 pajjiżi (DE 1, DK 2, ES 1, IT 4, PL 2, PT 1, RO 7 u UK 7). Għall-avjazzjoni, il-penali għall-emissjonijiet eċċessivi ġew irrapportati għal 34 operatur tal-inġenji tal-ajru (CY 1, DE 3, ES 4, IT 3, PT 11 u UK 12).

Fl-2019, sitt pajjiżi kkonfermaw il-ħruġ ta' penali (b'żieda mal-penali għall-emissjonijiet eċċessivi). Ma ġie rrapportat l-ebda każ ta' priġunerija, iżda ġie nnotat li ngħataw jew li għad iridu jingħataw multi, u jintbagħtu avviżi formali u ittri ta' twissija (pereżempju minħabba proċedimenti legali li għaddejjin), li jammontaw għall-valur finanzjarju totali ta' EUR 7,8 miljun (li minnhom EUR 0,15-il miljun huma għall-avjazzjoni).

Il-ksur l-aktar komuni rrapportat għall-2019 kien in-nuqqas ta' sottomissjoni ta' rapporti annwali vverifikati dwar l-emissjonijiet sal-iskadenza dovuta, in-nuqqas ta' notifika fil-ħin ta' bidliet ippjanati jew effettivi fil-kapaċità, fil-livelli ta' attività u fit-tħaddim ta' installazzjoni,

u n-nuqqas ta' monitoraġġ skont il-pjan ta' monitoraġġ approvat u r-Regolament (UE) Nru 601/2012.

Kif ġie rrapportat is-sena l-oħra, fl-2018 u fl-2019 seħħ il-ħames ċiklu ta' evalwazzjoni tal-konformità mal-EU ETS, bil-għan li jiġu identifikati l-problemi għall-konformità mal-EU ETS fil-livell tal-pajjiżi parteċipanti u li dawn il-pajjiżi jiġu appoġġati fit-titjib tal-implimentazzjoni tagħhom tal-EU ETS. L-evalwazzjoni ġiet iffinalizzata fl-2020 u ġie ppubblikat rapport tekniku dwar ir-riżultati[84].

Ir-rapport jikkonkludi li, filwaqt li l-kwalità u l-effikaċja tal-approvazzjoni tal-Pjanijiet ta' Monitoraġġ, ir-rieżami tar-Rapporti Annwali dwar l-Emissjonijiet u r-Rapporti ta' Verifika, kif ukoll l-ispezzjonijiet tjiebu minħabba li żdied l-użu tal-mudelli u s-sistemi tal-IT tal-Kummissjoni, kif ukoll minħabba proċeduri msaħħa tal-Awtorità Kompetenti, xi oqsma ta' MRV għadhom jikkawżaw problemi ta' interpretazzjoni u jibbenefikaw minn taħriġ dedikat jew minn gwida mfassla apposta.

Id-differenzi fl-implimentazzjoni tal-Istati Membri jinstabu l-aktar fir-rieżami tar-Rapporti Annwali dwar l-Emissjonijiet u fir-Rapporti ta' Verifika, u fis-segwitu ta' kwistjonijiet identifikati matul il-verifika, il-proċeduri ta' spezzjoni, u l-infurzar. Filwaqt li dawn id-differenzi ma jidhrux li għandhom effett detrimentali fuq ir-robustezza tas-sistema tal-MRV, f'xi oqsma - bħall-iskambju tal-informazzjoni bejn il-fruntieri, is-segwitu tar-rakkomandazzjonijiet għat-titjib, u l-proċeduri ta' spezzjoni, - għad hemm lok għal titjib fil-livell tal-UE. Ir-rakkomandazzjonijiet tal-Istati Membri għat-titjib saru fi pjanijiet ta' azzjoni mfassla apposta.

Ladarba r-reviżjonijiet tar-regolamenti jibdew japplikaw, uħud mill-oqsma ta' titjib identifikati fl-analiżi x'aktarx jistgħu jiġu solvuti. Aġġornamenti mfassla apposta f'materjal ta' gwida, f'mudelli u skont ir-rakkomandazzjonijiet elenkati fil-pjanijiet ta' azzjoni tal-Istati Membri jistgħu saħansitra jtejbu l-implimentazzjoni aktar. Fir-rapport tekniku u fil-pjanijiet ta' azzjoni tal-Istati Membri saru rakkomandazzjonijiet speċifiċi għal dan il-għan.

9. KONKLUŻJONIJIET U ASPETTATTIVI

Fl-2019, l-emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-installazzjonijiet koperti mill-EU ETS kellhom tnaqqis storiku ta' 9,1 % meta mqabbla mal-2018. Dan kien xprunat prinċipalment minn tnaqqis ta' kważi 15 % tal-emissjonijiet mill-produzzjoni tal-elettriku u tas-sħana, b'penetrazzjoni qawwija ta' sorsi rinnovabbli tal-enerġija, żieda fl-użu tal-gass naturali u tnaqqis fl-użu tal-faħam ta' madwar 19 %. L-emissjonijiet mill-industrija kellhom ukoll l-akbar tnaqqis tagħhom fil-fażi 3 s'issa, ta' kważi 2 %. Madankollu, l-emissjonijiet mill-avjazzjoni vverifikati komplew jiżdiedu, għalkemm b'ammont ħafna iżgħar mis-snin ta' qabel (1 % aktar mill-2018).

[84] https://ec.europa.eu/clima/sites/clima/files/ets/monitoring/docs/report_5th_compliance_en.pdf

Il-bidliet leġiżlattivi miftiehma tul dawn l-aħħar snin biex jinfurzaw l-ETS u biex jindirizzaw l-eċċess tal-kwoti għadhom qed juru riżultati pożittivi. L-indikatur tal-eċċess tar-Riżerva tal-Istabbiltà tas-Suq ġie ppubblikat għar-raba' darba f'Mejju 2020, u juri li l-eċċess naqas għal madwar 1,39 biljun kwota. Fuq il-bażi tal-eċċess u l-leġiżlazzjoni dwar l-EU ETS riveduta għall-fażi 4, l-irkantijiet fl-2020 tnaqqsu bi kważi 40 % (madwar 375 miljun kwota). Il-volumi tal-irkant fl-2021 se jitnaqqsu wkoll b'mod simili.

Minkejja s-sitwazzjoni ekonomika diffiċli għall-industrija u għall-avjazzjoni minħabba l-kriżi tal-COVID-19, is-sinjal tal-prezz tal-karbonju baqa' stabbli bejn Jannar 2019 u t-tmiem ta' Ġunju 2020, b'eċċezzjoni qasira f'Marzu/April. Id-dħul totali ġġenerat mill-EU ETS mill-irkantijiet bejn l-2012 u t-30 ta' Ġunju 2020 qabeż EUR 57 biljun, bi dħul totali lill-Istati Membri ta' aktar minn EUR 14-il biljun fl-2019 u EUR 7,9 biljun fl-ewwel nofs tal-2020. Parti kbira minn dan id-dħul tintuża mill-Istati Membri għall-azzjoni klimatika.

Barra minn hekk, minkejja ċ-ċirkostanzi eċċezzjonali fl-2020, il-livell ta' konformità mal-EU ETS għall-2019 baqa' għoli ħafna: il-biċċa l-kbira tal-operaturi, li jkopru aktar minn 99 % tal-emissjonijiet minn installazzjonijiet stazzjonarji, ikkonformaw mal-obbligi legali tagħhom. Kemm għall-installazzjonijiet stazzjonarji kif ukoll għall-operaturi tal-inġenji tal-ajru, l-operaturi li ma kkonformawx tipikament kienu żgħar. L-arkitettura tal-EU ETS baqgħet b'saħħitha u l-organizzazzjoni amministrattiva madwar l-Istati Membri wriet li kienet effettiva.

Fis-snin ta' wara, bħala parti mill-pakkett aktar ġenerali ta' leġiżlazzjoni skont il-Ftehim Ekoloġiku Ewropew, l-ETS tista' tgħaddi minn reviżjonijiet sostantivi dwar il-kamp ta' applikazzjoni u r-rekwiżiti tal-avjazzjoni tagħha, sabiex tkun tista' tissodisfa l-ambizzjonijiet ogħla tal-UE dwar il-klima. L-2021 se tkun l-ewwel sena ta' implimentazzjoni tal-fażi 4 tal-EU ETS. Ir-rapport li jmiss dwar is-suq tal-karbonju, previst għall-pubblikazzjoni lejn l-aħħar tal-2021, se jipprovdi ħarsa ġenerali lejn l-implimentazzjoni sħiħa tal-ETS fil-fażi 3. Se jipprovdi wkoll l-ewwel ħarsa lejn it-tħaddim tal-EU ETS fil-fażi 4.

ANNESS

Appendiċi 1

Tabella 1.1: Numru ta' kwoti bla ħlas allokati għall-immodernizzar tas-settur tal-elettriku[85]

Stat Membru	2013	2014	2015	2016	2017	2018	2019
BG	11 009 416	9 779 243	8 259 680	6 593 238	3 812 436	2 471 297	1 948 441
CY	2 519 077	2 195 195	1 907 302	1 583 420	1 259 538	935 657	575 789
CZ	25 285 353	22 383 398	20 623 005	15 831 329	11 681 994	7 661 840	3 830 905
EE	5 135 166	4 401 568	3 667 975	2 934 380	2 055 614	38 939	19 471
HU[86]	7 047 255	mhux applikabbli	mhux applikabbli	mhux applikabbli	mhux applikabbli	mhux applikabbli	mhux applikabbli
LT	322 449	297 113	269 475	237 230	200 379	158 922	94 432
PL[87]	65 992 703	52 920 889	43 594 320	31 621 148	21 752 908	31 942 281	16 912 108
RO	15 748 011	8 591 461	9 210 797	7 189 961	6 222 255	3 778 439	1 723 016
Total	133 059 430	100 568 867	87 532 554	65 990 706	46 985 124	46 987 375	25 104 162

Sors: DĠ Azzjoni Klimatika

Tabella 1.2: Numru massimu ta' kwoti bla ħlas fis-sena skont id-deroga mill-irkantar sħiħ għall-produzzjoni tal-elettriku u tas-sħana

Stat Membru	2013	2014	2015	2016	2017	2018	2019	Total
BG	13 542 000	11 607 428	9 672 857	7 738 286	5 803 714	3 869 143	1 934 571	54 167 999
CY	2 519 077	2 195 195	1 907 302	1 583 420	1 259 538	935 657	575 789	10 975 978
CZ	26 916 667	23 071 429	19 226 191	15 380 953	11 535 714	7 690 476	3 845 238	107 666 668
EE	5 288 827	4 533 280	3 777 733	3 022 187	2 266 640	1 511 093	755 547	21 155 307
HU	7 047 255	0	0	0	0	0	0	7 047 255
LT	582 373	536 615	486 698	428 460	361 903	287 027	170 552	2 853 628
PL	77 816 756	72 258 416	66 700 076	60 030 069	52 248 393	43 355 049	32 238 370	404 647 129
RO	17 852 479	15 302 125	12 751 771	10 201 417	7 651 063	5 100 708	2 550 354	71 409 917
Total	151 565 434	129 504 488	114 522 628	98 384 792	81 126 965	62 749 153	42 070 421	679 923 881

Sors: DĠ Azzjoni Klimatika


[85] In-numru ta' kwoti 10c elenkati f'din it-tabella jista' jinkludi kwoti maħruġin b'dewmien għas-snin preċedenti. F'dan il-każ, l-ammonti rilevanti kull sena huma riflessi fl-EUTL.
[86] L-HU użat id-deroga tal-Artikolu 10c fl-2013 biss.
[87] In-numri finali tal-allokazzjoni għall-Polonja se jkunu disponibbli fir-rapport tas-sena d-dieħla, sakemm jitlestew it-talbiet kollha għall-allokazzjoni.

Tabella 1.3: L-għadd ta' kwoti mingħajr ħlas mhux użati skont id-deroga tal-Artikolu 10c li ġew irkantati jew li huma ppjanati għall-irkantar fl-2013-2021[88]

Stat Membru	2015	2016	2017	2018	2019	2020	2021
BG	5 444 169	1 461 360	920 823	604 908	1 386 372	0	476 621
CY	0	0	0	0	0	0	0
CZ	0	90,694	77 741	66 740	54 550	80 295	0
EE	0	188 682	134 897	1 767 499	761 088	50 026	0
LT	259 924	0	456 725	191 229	161 522	128 105	76 120
PL	1 196	0	7,491	0	55 800 000	49 520 000	34 501 299[89]
RO	2 104 468	6 710 664	3 540 974	3 011 456	0	0	827 338
HU	0	0	0	0	0	0	0

Appendiċi 2

Illustrazzjoni 2.1: Numru ta' offerenti fl-irkantijiet tal-kwoti ġenerali mill-2013 sat-30 ta' Ġunju 2020



Sors: EEX

- Numru ta' offerenti

[88] L-ebda kwota mhux użata tal-Artikolu 10c ma ġiet irkantata fl-2013 u l-2014.
[89] In-numri finali għall-Polonja se jkunu disponibbli fir-rapport tas-sena d-dieħla, sakemm jitlestew it-talbiet kollha għall-allokazzjoni.

Tabella 2.1: Dħul iġġenerat mill-irkantar tal-kwoti tal-emissjonijiet mill-Istati Membri u mir-Renju Unit fil-perjodu 2012 – 30 ta' Ġunju 2020 (f'miljuni ta' EUR)[90]

	2012		2013		2014		2015		2016		2017		2018		2019		2020	
	Ġenerali (irkantijiet bikrija)	Avjazzjoni (irkantijiet bikrija)	Ġenerali	Avjazzjoni	Ġenerali	Avjazzjoni	Ġenerali	Avjazzjoni	Ġenerali	Avjazzjoni	Ġenerali	Avjazzjoni	Ġenerali	Avjazzjoni	Ġenerali	Avjazzjoni	Ġenerali	Avjazzjoni
AT	11,05	0,00	55,75	0,00	52,17	1,18	76,24	2,36	58,81	0,65	78,74	0,69	208,20	2,16	180,94	2,89	82,07	1,50
BE	0,00	0,00	114,99	0,00	95,03	2,05	138,96	2,69	107,14	0,74	143,52	0,79	379,00	2,47	353,47	3,30	160,28	1,70
BG	22,14	0,00	52,63	0,00	36,19	0,22	120,91	0,91	85,08	0,25	130,15	0,27	367,34	0,83	439,19	1,11	205,96	0,58
CY	1,58	0,00	0,35	0,00	0,43	0,30	0,00	1,42	0,00	0,39	6,15	0,41	24,66	1,30	24,4	1,74	17,03	0,91
HR	0,00	0,00	0,00	0,00	0,00	0,00	86,40	0,49	20,09	0,16	26,97	0,18	70,96	0,55	71,97	0,74	32,52	0,37
CZ	0,00	0,00	0,00	0,00	55,24	0,47	110,30	1,20	117,63	0,33	199,43	0,35	583,33	1,10	628,94	1,46	329,84	0,75
DE	166,18	17,52	791,25	0,00	749,97	0,00	1093,31	16,87	845,74	4,65	1141,74	5,07	2565,34	16,31	3146,14	17,89	1149,91	0,00
DK	1,07	0,00	56,06	0,00	46,93	1,16	68,64	2,71	52,93	0,74	70,93	0,79	187,32	2,48	162,78	3,31	73,56	1,70
EE	0,00	0,00	18,07	0,00	7,41	0,04	21,13	0,15	23,57	0,04	39,31	0,05	139,89	0,14	142,65	0,20	65,81	0,08
EL	14,84	0,00	147,64	0,00	129,97	1,10	190,17	4,99	146,68	1,37	196,57	1,46	518,96	4,57	503,34	6,11	229,19	3,16
ES	68,53	0,00	346,11	0,00	323,53	6,56	473,20	16,32	364,97	4,48	488,78	4,77	1291,07	14,97	1225,22	19,97	555,93	10,31
FI	13,28	0,00	66,97	0,00	62,68	0,81	91,64	2,13	70,63	0,58	94,64	0,62	249,84	1,96	217,35	2,60	98,33	1,33
FR	43,46	0,00	219,25	0,00	205,29	10,05	299,94	12,18	231,34	3,35	309,85	3,55	818,40	11,16	711,64	14,89	322,10	7,69
HU	3,99	0,00	34,59	0,00	56,21	0,29	82,28	0,99	63,43	0,27	84,94	0,29	224,48	0,91	226,8	1,21	102,98	0,62
IE	0,00	0,00	41,68	0,00	35,11	0,87	51,32	2,15	39,54	0,59	52,93	0,63	140,10	1,97	121,64	2,62	54,97	1,37
IT	76,50	0,00	385,98	0,00	361,25	5,24	528,00	14,41	407,23	3,96	545,44	4,21	1440,10	13,22	1271,35	17,64	576,06	9,11
LT	3,29	0,00	19,98	0,00	17,28	0,06	28,13	0,29	20,76	0,08	31,43	0,09	80,11	0,25	83,69	0,35	39,49	0,17

[90] Sors: EEX

LU	0,74	0,00	4,97	0,00	4,52	0,63	6,62	0,22	5,08	0,06	6,81	0,07	18,09	0,20	16,79	0,28	7,74	0,17
LV	2,13	0,00	10,79	0,00	10,08	0,14	14,76	0,53	11,36	0,15	15,24	0,15	40,20	0,49	41,92	0,66	18,58	0,33
MT	0,27	0,00	4,47	0,00	3,81	0,10	5,62	0,57	4,30	0,16	5,78	0,17	15,19	0,52	15,21	0,71	6,97	0,37
NL	25,61	0,00	134,24	0,00	125,63	5,47	183,57	3,68	141,59	1,01	189,63	1,07	500,84	3,37	435,64	4,50	197,44	2,33
PL	0,00	0,00	244,02	0,00	78,01	0,00	129,84	2,98	135,57	0,58	505,31	0,69	1209,98	1,59	2545,94	2,89	1384,13	4,38
PT	10,65	0,00	72,78	0,00	65,82	1,27	96,32	2,89	74,29	0,79	99,50	0,85	262,96	2,65	253,58	3,53	115,37	1,83
RO	39,71	0,00	122,74	0,00	97,57	0,32	193,62	1,60	193,56	0,44	260,29	0,47	717,64	1,45	747,87	1,95	369,33	1,00
SE	7,07	0,00	35,67	0,00	33,34	1,02	48,79	3,63	37,61	1,00	50,45	1,06	132,98	3,34	124,1	4,43	56,52	2,29
SI	3,51	0,00	17,74	0,00	16,59	0,05	24,28	0,14	18,70	0,04	25,05	0,04	66,19	0,12	65,14	0,16	29,42	0,08
SK	12,19	0,00	61,70	0,00	57,59	0,04	84,31	0,20	64,99	0,06	87,01	0,06	229,74	0,18	244,47	0,24	111,50	0,12
Ir-Renju Unit	75,74	0,00	409,63	0,00	387,42	14,08	567,72	18,54	418,96	5,37	604,02	5,30	1607,32	0,00	0	0	1043,32	0,83
TOTAL	**603,52**	**17,53**	**3550,73**	**0,00**	**3115,11**	**53,53**	**4815,97**	**117,26**	**3761,57**	**32,28**	**5490,60**	**34,14**	**14090,23**	**90,27**	**14002,17**	**117,37**	**7436,36**	**55,11**

Tabella 2.2: Dħul iġġenerat mill-irkantar tal-kwoti tal-emissjonijiet mill-pajjiżi taż-ŻEE fil-perjodu 2019 - 30 ta' Ġunju 2020 (f'miljuni ta' EUR)[91]

	2019		2020	
	Ġenerali	**Avjazzjoni**	**Ġenerali**	**Avjazzjoni**
IS	23,91	1,86	16,26	1,66
LI	0,52	0	0,47	0,00
NO	476,78	18,24	332,17	15,84
TOTAL	**501,21**	**20,1**	**348,90**	**17,51**

Appendiċi 3

Tabella 3.1: Sommarju tal-iskambju ta' krediti internazzjonali sa Ġunju 2020[92]

Krediti internazzjonali skambjati sal-aħħar ta' Ġunju 2020	**miljun**	**perċentwali**	**Krediti internazzjonali skambjati sal-aħħar ta' Ġunju 2020**	**miljun**	**perċentwali**
CERs	**288,86**	**60,06 %**	**ERUs**	**192,07**	**39,94%**
Iċ-Ċina	213,31	73,85	L-Ukrajna	147,69	76,89%
L-Indja	20,30	7,03	Ir-Russja	32,06	16,69%
L-Użbekistan	10,17	3,52	Il-Polonja	2,82	1,46%
Il-Brażil	6,00	2,08	Il-Ġermanja	1,65	0,85%
Il-Vjetnam	3,71	1,28	Franza	1,24	0,64%
Iċ-Ċilì	3,21	1,11	Il-Bulgarija	0,50	0,26%
Il-Messiku	3,17	1,10	Oħrajn	6,11	3,21%
Il-Korea	2,93	1,01			
Oħrajn	26,06	9,02			
TOTAL ta' CERs u ERUs	**480,94**	**100%**			

Sors: EUTL

Tabella 3.2: Sommarju tal-iskambju ta' krediti internazzjonali sal-aħħar ta' Ġunju 2020 skont it-tip ta' installazzjonijiet

Skambju ta' krediti internazzjonali sal-aħħar ta' Ġunju 2020 minn:	**CERs f'miljuni**	**ERUs f'miljuni**
Installazzjonijiet stazzjonarji	282,54	191,25

[91] Sors: EEX

[92] L-iskambji tar-Renju Unit li ġew sospiżi fl-2019 minħabba l-miżuri ta' salvagwardja adottati biex tiġi protetta l-integrità ambjentali tal-EU ETS reġgħu bdew fl-2020.

Operaturi tal-avjazzjoni	6,32	0,82
TOTAL	**288,86**	**192,07**

Sors: EUTL

Appendiċi 4

Tabella 4.1 L-emissjonijiet mill-installazzjonijiet ivverifikati mill-ETS li mhumiexCO_2 skont it-tip ta' gass serra 2013-2019 (f'miljuni ta' tunnellati))[93]

	2013	**2014**	**2015**	**2016**	**2017**	**2018**	**2019**
PFCs	0.40	0.74	0.58	0.64	0.51	0.64	0.57
N_2O	2.48	5.48	5.31	4.62	4.92	4.108	3.68

Sors: EUTL

Appendiċi 5

Tabella 5.1: Deċiżjonijiet magħżula tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE rilevanti għall-funzjonament tal-EU ETS fil-perjodu minn Lulju 2019 sa Ġunju 2020

Referenza tal-kawża	**Il-leġiżlazzjoni kkonċernata**	**Partijiet**	**Kuntest tal-kawża**	**Data**	**Konstatazzjonijiet tal-Qorti**
Kawża C-189/19	Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/278	Spenner GmbH & Co. KG/DE	Spenner GmbH riedet tirċievi aktar allokazzjonijiet mingħajr ħlas għall-fażi 3 tal-ETS (2013-2020), u sostniet li l-awtorità kompetenti Ġermaniża ma tagħthiex biżżejjed allokazzjonijiet mingħajr ħlas minħabba li kien hemm interpretazzjoni ħażina tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/278/UE, b'mod partikolari l-Artikolu 9 li jikkonċerna l-livelli storiċi ta' attività.	14.05. 2020	Il-Qorti ddeċidiet li l-Artikolu 9(9) tad-Deċiżjoni 2011/278 ma japplikax għal żidiet sinifikanti fil-kapaċità ta' installazzjoni mħaddma li seħħew qabel il-perjodu bażi stabbilit f'konformità mal-Artikolu 9(1) tad-Deċiżjoni, u li l-Artikolu 9(1) tad-Deċiżjoni 2011/278 ma jobbligax lill-awtorità kompetenti tiddetermina hi stess il-perjodu bażi rilevanti sabiex tivvaluta l-livelli storiċi ta' attività ta' installazzjoni.

[93] Għal xi installazzjonijiet, l-emissjonijiet minn N_2O jew PFCs setgħu ma ġewx irrappurtati separatament fir-Reġistru tal-Unjoni, bl-emissjonijiet totali rrappurtati f'tunnellati ta' ekwivalenti ta' CO_2 minflok. Id-*data* fit-tabella tirrifletti t-tqassim tal-emissjonijiet skont il-GHG kif disponibbli fir-Reġistru tal-Unjoni. L-emissjonijiet ta' N_2O ġew inklużi fl-EU ETS mill-fażi 2 (mill-2008) bħala inklużjoni fakultattiva volontarja minn xi Stati Membri, u flimkien ma' PFCs fuq bażi obbligatorja– mill-fażi 3 (mill-2013).

Kawża C-113/19	Id-Direttiva 2003/87/KE, il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea	Luxaviation SA/ il-Ministru għall-Ambjent, il-Lussemburgu	Luxaviation ħasbet li kienet lestiet il-proċedura biex jiġu ċeduti l-kwoti tal-emissjonijiet fl-2016, iżda skont il-Ministeru tal-Ambjent dan ma kienx il-każ. F'Ġunju 2016, il-Ministru għall-Ambjent indika lil Luxaviation li kienet naqset milli twettaq iċ-ċediment meħtieġ fiż-żmien permess, jiġifieri qabel it-30 ta' April ta' dik is-sena. Ġiet imposta penali u l-isem ta' Luxaviation ġie ppubblikat fis-sit web tal-Aġenzija għall-Ambjent.	26.03.2020	Il-Qorti ordnat li l-Artikoli 20, 47 u l-Artikolu 49(3) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE ma jipprekludux li l-piena b'rata fissa skont id-Direttiva tal-ETS tista' tiġi varjata minn qorti nazzjonali, l-Artikolu 41 tal-Karta ma japplikax għall-kwistjoni dwar jekk huwiex obbligatorju jew fakultattiv għall-Istati Membri li joħorġu twissijiet jew tfakkiriet lill-operaturi li jaġixxu *in bona fede*, u li l-prinċipju tal-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi ma jipprekludix l-impożizzjoni tal-penali prevista fl-Artikolu 16(3) tad-Direttiva 2003/87, f'sitwazzjoni fejn l-awtoritajiet kompetenti ma jwissux lill-operatur qabel l-iskadenza tal-limitu ta' żmien għaċ-ċediment.

Appendiċi 6

Tabella 6.1: Il-qagħda attwali tal-implimentazzjoni tal-fażi 4 tal-EU ETS

Miżura	Għan	Tip ta' att leġiżlattiv	Adozzjoni prevista
Lista tar-Rilokazzjoni tal-Emissjonijiet tal-Karbonju għall-2021-2030	L-istabbiliment tal-Lista l-ġdida tar-Rilokazzjoni tal-Emissjonijiet tal-Karbonju għall-fażi 4 tal-EU ETS abbażi tal-kriterji biex jiġu stabbiliti s-setturi esposti b'mod sinifikanti għar-riskju tar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju	Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni	Adottata fil-15 ta' Frar 2019 u ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali fit-8 ta' Mejju 2019[94]
Reviżjoni tar-regoli dwar l-allokazzjoni bla ħlas għall-2021-2030	Ir-reviżjoni tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/278/UE dwar id-determinazzjoni ta' regoli tranżitorji madwar l-Unjoni kollha għal allokazzjoni armonizzata mingħajr ħlas sabiex din tiġi adatta għall-kuntest legali l-ġdid stabbilit għall-fażi 4	Regolament Delegat tal-Kummissjoni	Adottat fid-19 ta' Diċembru 2018 u ppubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali fis-27 ta' Frar 2019[95]
Aġġustament għall-allokazzjoni bla ħlas minħabba bidliet fil-produzzjoni	Definizzjoni tal-arranġamenti għall-aġġustament tal-livell ta' allokazzjoni bla ħlas għal installazzjonijiet abbażi ta' livelli ta' ħaddim li qed jinbidlu ta' aktar minn	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni	Adottat fil-31 ta' Ottubru 2019 u ppubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali fl-

[94]https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=OJ:L:2019:120:FULL&from=MT
[95]https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:32019R0331&from=MT

	15 % ’il fuq jew ’l isfel bħala medja fuq perjodu ta’ sentejn		4 ta’ Novembru 2019 [96]
Aġġornament tal-valuri referenzjarji għall-allokazzjoni bla ħlas għall-2021-2025	Determinazzjoni tal-valuri referenzjarji aġġornati għall-2021-2025 abbażi tad-*data* ppreżentata mill-Istati Membri sat-30 ta’ Settembru 2019 għas-snin 2016 u 2017.	Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni	2020
L-istabbiliment tal-Fond għall-Innovazzjoni	Id-determinazzjoni tar-regoli dwar it-tħaddim tal-Fond għall-Innovazzjoni, inkluż il-proċedura u l-kriterji tal-għażla	Regolament Delegat tal-Kummissjoni	Adottat fis-26 ta’ Frar 2019 u ppubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali fit-28 ta’ Mejju 2019[97]
L-istabbiliment tal-Fond għall-Modernizzazzjoni	L-identifikazzjoni tar-regoli dwar l-operat tal-Fond għall-Modernizzazzjoni	Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni	Adottat fid-9 ta’ Lulju 2020 u ppubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali fl-10 ta’ Lulju 2020[98]
Reviżjoni tar-Regolament (UE) Nru 389/2013 (ir-Regolament dwar ir-Reġistru)	L-istabbiliment tar-rekwiżiti għar-Reġistru tal-Unjoni għall-fażi 4 fil-forma ta’ bażijiet ta’ *data* elettroniċi standardizzati li fihom elementi ta’ *data* komuni biex jiġu ssorveljati l-ħruġ, iż-żamma, it-trasferiment u l-kanċellazzjoni tal-kwoti, u biex jiġi pprovdut aċċess għall-pubbliku u kunfidenzjalità	Regolament Delegat tal-Kummissjoni	Adottat fit-12 ta’ Marzu 2019 u ppubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali fit-2 ta’ Lulju 2019[99]
Emenda tar-Regolament (UE) Nru 1031/2010 (ir-Regolament dwar l-Irkantar)	Li tippermetti l-irkantar tal-ewwel 50 miljun kwota għall-Fond għall-Innovazzjoni meħuda mir-Riserva tal-Istabbiltà tas-Suq (MSR) fl-2020	Regolament Delegat tal-Kummissjoni	Adottat fit-30 ta’ Ottubru 2018 u ppubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali fl-4 ta’ Jannar 2019[100]
Reviżjonii tar-Regolament (UE) Nru 1031/2010 (ir-Regolament dwar l-Irkantar)	Ir-reviżjoni ta' xi aspetti tal-proċess tal-irkantar biex jiġu implimentati r-rekwiżiti għall-fażi 4, b’mod partikolari biex ikun jista’ jsir l-irkantar ta’ kwoti għall-Fond għall-Innovazzjoni u għall-Fond għall-Modernizzazzjoni, kif ukoll biex tkun riflessa l-klassifikazzjoni tal-kwoti tal-EU ETS bħala strumenti finanzjarji skont id-Direttiva 2014/65/UE dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji (MiFID2).	Regolament Delegat tal-Kummissjoni	Adottat fit-28 ta’ Awwissu 2019 u ppubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali fit-8 ta’ Novembru 2019 [101]
Reviżjoni tar-Regolament Nru 601/2012 dwar il-Monitoraġġ u r-Rapportar	Is-simplifikazzjoni, it-titjib u l-kjarifika tar-regoli ta’ monitoraġġ u rapportar u t-tnaqqis tal-piż amministrattiv, ibbażat fuq l-esperjenza ta’ implimentazzjoni mill-fażi 3	Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni	Adottat fid-19 ta’ Diċembru 2018 u ppubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali fil-31 ta’ Diċembru 2018 [102]
Reviżjoni tar-Regolament Nru 600/2012 dwar il-Verifika u l-	Is-simplifikazzjoni, it-titjib u l-iċċarar tar-regoli ta’ akkreditazzjoni u verifika u t-tnaqqis tal-piż amministrattiv sa fejn hu possibbli, abbażi tal-esperjenza tal-	Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni	Adottat fid-19 ta’ Diċembru 2018 u ppubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali fil-

[96] https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:32019R1842&from=MT
[97] https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:32019R0856&from=MT
[98] https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MTN/TXT/PDF/?uri=CELEX:32020R1001&from=MT
[99] https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:32019R1122&from=MT
[100] https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:32019R0007
[101] https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:32019R1868&from=MT
[102] https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:32018R2066

Akkreditazzjoni	implimentazzjoni mill-fażi 3		31 ta' Diċembru 2018 [103]
Ir-Regolament (UE) 2019/1603 li jissupplimenta d-Direttiva 2003/87/KE għall-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-verifika tal-emissjonijiet tal-avjazzjoni fir-rigward tal-CORSIA	Li jissuplimenta d-Direttiva dwar l-EU ETS fir-rigward ta' miżuri adottati mill-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali għall-monitoraġġ, ir-rapportar u l-verifika tal-emissjonijiet mill-avjazzjoni għall-fini tal-implimentazzjoni tal-CORSIA	Regolament Delegat tal-Kummissjoni	Adottat fit-18 ta' Lulju 2019 u ppubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali fit-30 ta' Settembru 2019[104]
Linji Gwida għall-Għajnuna mill-Istat fil-qasam tal-EU ETS 2021-2030	Ir-reviżjoni tal-Linji Gwida għall-Għajnuna mill-Istat fil-qasam tal-EU ETS għall-fażi 4 biex jiġu akkomodati d-dispożizzjonijiet il-ġodda introdotti mid-Direttiva dwar l-EU ETS riveduta għall-mekkaniżmi ta' kumpens għall-ispejjeż indiretti tal-karbonju	Komunikazzjoni mill-Kummissjoni	2020
Id-Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2020/1071 dwar l-esklużjoni ta' titjiriet li jidħlu mill-Iżvizzera mill-iskema tal-UE għall-iskambju tal-kwoti tal-emissjonijiet	Temenda l-Anness I tad-Direttiva dwar l-EU ETS biex teskludi titjiriet li jkunu deħlin mill-Iżvizzera mis-sistema tal-UE għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet mill-1 ta' Jannar 2020	Regolament Delegat tal-Kummissjoni	Adottat fit-18 ta' Mejju 2020 u ppubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali fil-21 ta' Lulju 2020[105]

Qagħda attwali
Ippjanat
Għadu għaddej
Lest

Appendiċi 7

Tabella 7.1: Il-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri/Stati taż-ŻEE EFTA għar-Riżerva tal-Istabbiltà tas-Suq fl-2019-2020 (għadd ta' kwoti)

Stat Membru/ ŻEE Stat tal-EFTA	**Kontribuzzjonijiet tal-MSR fl-2019[106]**	**Kontribuzzjonijiet tal-MSR fl-2020[107]**
L-Awstrija	**5 935 748**	**5 614 399**
Il-Belġju	**9 846 994**	**9 313 899**
Il-Bulgarija	**8 292 720**	**7 843 771**
Il-Kroazja	**1 614 984**	**1 527 552**
Ċipru	**932 844**	**882 342**
Ir-Repubblika Ċeka	**15 406 858**	**14 572 765**
Id-Danimarka	**5 340 750**	**5 051 614**

[103] https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:32018R2067&from=MT
[104] https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:32019R1603&from=MT
[105] https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:32020D1071
[106] Għall-perjodu minn Jannar sa Awwissu 2019, iċ-ċifri huma bbażati fuq il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni C(2018) 2801 final tal-15.5.2018 https://ec.europa.eu/clima/sites/clima/files/ets/reform/docs/c_2018_2801_en.pdf
[107] Għall-perjodi minn Settembru sa Diċembru 2019 u minn Jannar sa Awwissu 2020, iċ-ċifri huma bbażati fuq il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni C(2019) 3288 final, disponibbli fuq https://ec.europa.eu/clima/sites/clima/files/ets/reform/docs/c_2019_3288_en.pdf

L-Estonja	**2 904 319**	**2 747 085**
Il-Finlandja	**7 130 025**	**6 744 021**
Franza	**23 346 791**	**22 082 847**
Il-Ġermanja	**85 389 770**	**80 766 957**
Il-Greċja	**12 684 492**	**11 997 782**
L-Ungerija	**5 115 708**	**4 838 755**
L-Iżlanda	**166 450**	**157 439**
L-Irlanda	**3 991 393**	**3 775 308**
L-Italja	**40 304 729**	**38 122 721**
Il-Latvja	**865 501**	**818 645**
Il-Liechtenstein	**3 725**	**3 524**
Il-Litwanja	**1 792 324**	**1 695 292**
Il-Lussemburgu	**467 394**	**442 090**
Malta	**354 798**	**335 590**
In-Netherlands	**14 291 411**	**13 517 705**
In-Norveġja	**3 314 570**	**3 135 127**
Il-Polonja	**39 282 170**	**37 155 520**
Il-Portugall	**6 478 775**	**6 128 029**
Ir-Rumanija	**14 941 290**	**14 132 401**
Is-Slovakkja	**4 752 513**	**4 495 223**
Is-Slovenja	**1 577 714**	**1 492 300**
Spanja	**32 660 234**	**30 892 081**
L-Iżvezja	**3 457 106**	**3 269 946**
Ir-Renju Unit	**44 480 623**	**42 072 540**
Total	**397 124 722**	**375 625 270**

Appendiċi 8

Tabella 8.1: Fondi NER 300 mhux minfuqa skont l-InnoFin EDP u s-CEF DI: Proġetti appoġġati fil-perjodu minn Awwissu 2019 sa Ġunju 2020

Titlu tal-proġett	Deskrizzjoni
VOLTALIS (EDP)	Voltalis huwa aggregatur tar-rispons għad-domanda fis-settur tal-elettriku. Dan jipprovdi soluzzjonijiet tekniċi intelliġenti biex it-tagħbijiet domestiċi u t-tagħbijiet kummerċjali u industrijali żgħar ikunu jistgħu jipparteċipaw fis-swieq tal-enerġija u jisfruttaw il-potenzjal tal-flessibbiltà tagħhom. Il-proġett se jtejjeb is-sigurtà tal-provvista, billi jnaqqas ir-riskju ta' qtugħ ta' elettriku, u se jtejjeb l-effiċjenza tal-enerġija billi jnaqqas il-konsum ġenerali tal-elettriku. Voltalis ingħata self ta' EUR 20 miljun iffinanzjat mill-fondi NER 300 mhux minfuqa.
STEELANOL (EDP): Il-produzzjoni avvanzata tal-bijofjuwils mill-gass ta' skart li ġej mill-produzzjoni tal-azzar	L-operazzjoni Steelanol irċeviet self ta' EUR 75 miljun appoġġat bis-sħiħ minn riżorsi ta' NER 300 mhux minfuqa biex tiġi appoġġata d-dimostrazzjoni ta' produzzjoni tal-azzar b'livell baxx ta' karbonju. Dan l-ewwel proġett ta' dan it-tip għandu l-għan li juri mod effettiv għall-produzzjoni tal-bijoetanol mill-materja prima tal-iskart tal-injam u jintegrah bis-sħiħ f'impjant tal-azzar fuq skala kbira. Jirrappreżenta rivoluzzjoni fid-dekarbonizzazzjoni tas-settur.

EV Charging Italy (CEF DI)	Il-proġett għandu l-għan li jiżviluppa infrastruttura tal-iċċarġjar tal-vetturi elettriċi fl-Italja. Dan se jinvolvi l-installazzjoni ta' madwar 6 850 punt tal-iċċarġjar u l-konnessjonijiet assoċjati man-network ta' distribuzzjoni matul il-perjodu 2019-2023. Il-finanzjament tal-proġett jammonta għal EUR 25 miljun appoġġat bis-sħiħ mill-fondi NER 300 mhux minfuqa
Il-programm ta' Elettromobbiltà ta' Hamburger Hochbahn (CEF DI)	Dan il-proġett minn Hamburger Hochbahn, operatur tat-trasport pubbliku f'Hamburg, għandu l-għan li jġedded u li jelettrifika l-flotta tat-trasport pubbliku urban ta' Hamburg bis-sostituzzjoni tal-karozzi tal-linja attwali li jaħdmu bid-diżil b'100 e-bus u l-użu tal-infrastruttura tal-iċċarġjar relatata. Il-promotur tal-proġett juża 100 % enerġija rinnovabbli ċċertifikata għall-e-buses tiegħu. L-istrateġija tal-kumpanija tipprevedi li l-infrastruttura tal-iċċarġjar trid tkun modulari u skalabbli, faċli biex tmantniha, u effiċjenti ħafna fl-enerġija u fl-ispejjeż.
Il-programm ta' elettromobbiltà ta' VSS Hamburg (CEF DI)	Dan il-proġett jappoġġa lil VHH, operatur tat-trasport pubbliku f'Hamburg, fix-xiri ta' madwar 155 e-bus biex jissostitwixxu l-karozzi tal-linja li jaħdmu bid-diżil qodma u jibni l-infrastruttura tal-iċċarġjar assoċjata. Dan jinkludi l-adattament ta' erba' depożiti għall-elettromobbiltà u l-bini ta' depożitu ġdid adattat għall-karozzi tal-linja elettriċi, kif ukoll l-implimentazzjoni tas-software u s-sistemi tal-IT. Il-promotur tal-proġett juża 100 % enerġija rinnovabbli ċċertifikata.
LIGNOL (PDA)	Dan il-proġett jappoġġa l-bini ta' impjant ta' produzzjoni tal-Lignol f'mitħna eżistenti tal-polpa f'Mörrum, l-Iżvezja, li huwa mistenni li jipproduċi madwar 185 000 tunnellata ta' Lignol (bijożejt rinnovabbli, ibbażat fuq il-linjina, li jitħallat f'magni tal-kombustjoni sa kwalunkwe grad u huwa adattat għat-taħlit mal-fjuwil tal-avjazzjoni) kull sena. Minbarra li jnaqqas l-emissjonijiet ta' CO_2 mis-settur tat-trasport Żvediż, il-proċess tal-produzzjoni tal-Lignol huwa effiċjenti ħafna fl-enerġija u ma jipproduċix emissjonijiet tossiċi jew prodotti ta' skart li jagħmlu l-ħsara. L-ispejjeż tad-dimostrazzjoni stmati jammontaw għal EUR 105,5 miljuni.
Solar Thermo Electric Magaldi (PDA)	Dan il-proġett, ibbażat fl-Italja, jappoġġa impjant li hu l-ewwel ta' dan it-tip, ibbażat fuq kunċett ġdid ta' ġenerazzjoni u ħżin solari termali u li jiġġenera elettriku ekoloġiku li jkun jista' jiġi spedit fuq talba. L-impjant se joffri provvista elettrika kontinwa minn sorsi rinnovabbli mingħajr il-ħtieġa li jinbnew linji ta' trażmissjoni twal, u dan se jissostitwixxi l-ispiża tal-impjanti termali li jaħdmu biż-żejt tal-fjuwil tqil jew bid-diżil. L-enerġija totali ġġenerata kull sena mill-impjant hija mistennija li tkun madwar 14 300 MWh/sena. L-ispejjeż bħalissa huma stmati għal madwar EUR 36 miljun.
BIOFOREVER (PDA)	Dan il-proġett jappoġġa bijoraffinerija li tikkonverti l-injam fl-etanol fuq skala ta' dimostrazzjoni f'Rotterdam, li tipproduċi 8 000 tunnellata etanol fis-sena. L-input għall-proċess tal-produzzjoni se jkun skart tal-injam tal-gradi A jew B. L-output tal-proċess tal-produzzjoni se jkun l-etanol għall-bijofjuwils. L-ispejjeż tad-dimostrazzjoni tal-proġett huma stmati għal EUR 30 miljun.